

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 658/2004****ta' 7 ta' April 2004****li timponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjoni ta' ċertu frott taċ-ċitru preparat jew priservat (jiġifieri mandolin, eċċ.)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 518/94 <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2474/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 u 16 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 ta' 7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi u li jħassar Regolamenti (KE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 427/2003 <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u 15 tiegħu,

Wara konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konsultattiv stabbilit taħt l-Artikolu 4 ta' Regolament (KE) Nru 3285/94 u ta' Regolament (KE) Nru 519/94 rispettivament,

Billi:

**1. PROCĊEDURA**

- (1) Fl-20 ta' Ġunju 2003, il-Gvern Spanjol informa l-Kummissjoni li tendenzi fl-importazzjoni ta' frott taċ-ċitru preparat jew priservat (jiġifieri mandolin, eċċ.) deher li kellu b'żonn ta' miżuri ta' salvagwardja taħt Regolamenti (KE) Nru. 3285/94 u (KE) Nru 519/94, ta informazzjoni li kellha fiha xiehda li kienet disponibbli kif determinata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 10 ta' Regolament (KE) Nru 3285/94 u l-Artikolu 8 ta' Regolament (KE) Nru 519/94, u talab il-Kummissjoni biex tiegħu miżuri ta' salvagwardja taħt dawk l-istrumenti.
- (2) Spanja stqarriet li kien hemm żidiet riċenti, sostanzjali u rapidi fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, kemm fis-sens sħiħ kif ukoll relattivament mal-produzzjoni u l-konsum tal-Komunità. Barra dan, Spanja allegat li ż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet fil-Komunità Ewropea kellha impatt negattiv fuq il-livell tal-prezz fil-Komunità u fis-suq ta' l-ishma u l-volum mibjugħ mill-produtturi tal-Komunità, li kkaġunathom danni serji. Spanja nkoraġġiet ukoll l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja tal-Komunità bħala materja ta' urgjenza.
- (3) Il-Kummissjoni informat l-Istati Membri kollha bis-sitwazzjoni u kkonsultat magħhom il-ħtiġijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni, tendenzi ta' importazzjoni u l-ħsara serja jew it-thedida għal ħsara u l-aspetti varji tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali ma' dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti tal-Komunità in kwistjoni.
- (4) Fil-11 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni dwar ħsara serja jew theddida ta' ħsara lil produtturi tal-Komunità li jipproduċu prodotti bħal jew li jikkompetu b'mod dirett mal-prodott importat.
- (5) Wara investigazzjoni preliminarja, il-Kummissjoni imponiet miżuri ta' salvagwardja provviżorji kontra l-importazzjoni ta' ċertu frott taċ-ċitru preparat jew priservat (jiġifieri mandolin, eċċ) taħt Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1964/2003 <sup>(5)</sup> ta' 7 ta' Novembru 2003.

<sup>(1)</sup> ĠU L 349, 31.12.94, p. 53.<sup>(2)</sup> ĠU L 286, 11.11.00, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 67, 10.03.94, p. 89.<sup>(4)</sup> ĠU L 65, 08.03.03, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 290, 08.11.03, p. 3.

- (6) Il-Kummissjoni kompliet investigazzjoni sħiħa relatata mal-prodott ikkonċernat u suġġeriet uffiċjalment lill-produtturi li jesportaw u lill-impurtaturi kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet li jirrapreżentawhom li huma għalhekk ikkonċernati, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi li jesportaw u l-produtturi tal-Komunità.
- (7) Ċerti produtturi li jesportaw, produtturi tal-Komunità u importaturi taw il-kummenti tagħhom bil-miktub. Il-partijiet interessati kollha li talbu seduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, u li taw indikazzjoni li x'aktarx se jkunu affettwati bir-riżultat tal-proċeduri legali u li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, kienu mogħtija din is-seduta. Il-kummenti orali u miktubin mogħtija mill-partijiet kienu meqjusa u kkunsidrati biex jintlaħqu s-sejbiet definittivi. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni li deherilha meħtieġa sabiex tiddetermina b'mod defenittiv il-kas.

## 2. RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

### 2.1. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI JEW LI JIKKOMPETI B'MOD DIRETT MIEGĦU

#### 2.1.1. Prodott ikkonċernat

- (8) Il-prodott li fuqu l-Kummissjoni kienet infurmata li t-tendenzi fl-importazzjoni jidhru li hemm bżonn ta' miżuri ta' salvagwardja huwa ċerti mandolin preparati u priservati (mandolin u satsuma inklużi), klementini, wilkings u ibridi oħra simili ta' ċitru, li ma jkollhomx fihom spirtu miżjud u li jkollhom fihom zokkor miżjud (il-prodott ikkonċernat).
- (9) Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa kklassifikat f'kodiċijiet NM 2008 30 55 u 2008 30 75. Dawn il-kodiċijiet NM jikkorrespondu mal-prodott ikkonċernat meta ppakkjat b'kontenut nett ta' mhux iktar minn kilo u b'kontenut nett mhux aktar minn kilo rispettivament.
- (10) L-investigazzjoni uriet li l-prodott ikkonċernat huwa miksub billi tqaxxar u taqşam ċerti varjetajiet ta' frott żgħir taċ-ċitru (l-iktar satsuma) li jkunu mbagħad ippakkjati f'kontenitur ta' ġulepp taz-zokkor (14 sa 16 %). It-tqaxxir u l-qsim jistgħu jsiru bl-idejn jew bil-magna.
- (11) Il-prodott ikkonċernat huwa magħmul f'piżijiet differenti biex jilħaq id-domanda tas-suq tal-konsumatur u ta' l-industrija tal-forniment u ta' l-ikel. Il-maġġoranza vasta tas-suq tal-konsumatur jittieħed mid-daqs ta' 312 g. piż nett/(175 g xotti), għalkemm is-sehem tal-bejgħ tad-daqs ikbar ta' 850 gr/(480 g) qiegħed jiżdid.. Pakketti ta' daqs ikbar, b'mod partikolari dawk ta' 2,65 kg/(1 500 g) u 3,1 kg/(1 700 g), huma użati mill-industrija tal-forniment u ta' l-ikel fejn dak ta' 2,65 kg huwa l-iktar popolari.
- (12) Satsuma, klementini u frott ieħor żgħir taċ-ċitru huma l-iktar magħrufa bl-isem kollettiv ta' "mandolin". Il-maġġoranza ta' dawn il-varjetajiet ta' frott huma addattati biex ikunu użati bħala prodott frisk jew biex issir xarba mill-meraq tal-frott jew bħala prodott tal-bott. Huma simili, tant li mandolin frisk (mandolin u satsuma inklużi), klementini, wilkings u ibridi taċ-ċitru simili kollha jaqgħu taħt kodiċi NM wieħed f'livell ta' sitt numri (0805 20).
- (13) Ċerti produtturi li jesportaw semmew li mhux biss mandolin tal-bott, iżda il-frott kollu tal-bott, għandu jitqies bħala prodott wieħed impurtat ikkonċernat.
- (14) Il-Kummissjoni m'aċċettatx dan l-argument u kkonfermat li hemm differenza bejn mandolin tal-bott u tipi oħra ta' frott tal-bott. Il-frott frisk li jintuża biex isiru tipi oħra ta' frott tal-bott għandhom kodiċijiet differenti fin-Nomenklatura Magħquda (NM) fil-livell ta' sitt numri. Filwaqt li huwa veru li mandolin tal-bott u frott ieħor tal-bott jaqa' fil-kodiċi HS 2008, anki prodotti oħra li huma differenti jagħmlu l-istess. Għalhekk, il-fatt li jaqgħu taħt il-kodiċi HS 2008 m'huwiex fattur importanti fih innifsu. Filwaqt, li tipi differenti ta' frott tal-bott (kemm ta' varjetà waħda jew taħlita ta' varjetà) għandhom xi ftit karatteristiċi l-istess (eż. jistgħu jibqgħu tajbin biex jittiklu għal tul ta' żmien, jistgħu jkunu priservati f'ġulepp taz-zokkor jew meraq tal-frott) it-togħma, il-materjal, id-daqs, il-forma u kulur tal-prodotti huma differenti u ma jistgħux ikunu mibdula malajr għal mandolin tal-bott. Għalkemm, kollha huma oġġetti ta' l-ikel, l-użu aħħari prinċipali tagħhom huwa ukoll differenti. Barra dan, il-proċess tal-produzzjoni ta' kull prodott huwa differenti (li jiddependi fuq jekk il-frotta għandix bżonn jew le li tkun immnixxa, imqaxxa, maqtugħa, imfetta jew issegmentata).

- (15) Argument ieħor kien li frott preparat u priservat u frott frisk għandhom jitqiesu bħala prodott wieħed importat ikkonċernat. Dak l-argument kien ukoll respint. Frott prepat u priservat jaqa' taħt klassifikazzjoni ta' tariffi differenti minn dik ta' frott frisk fuq livell ta' erba' numri. Frott frisk m'huwiex proċessat u għandu limitu għal tul ta' żmien li jista' jibqa' tajjeb biex jittikel. Ġeneralment huwa jkun maħsul, imqaxxar, jitneħħielu l-għadma, imfettet, maqtugħ jew inkella proċessat mill-utent aħħari. Huwa ġeneralment ikkunsidrat li għandu karatteristiċi differenti bħat-togħma, materjal eċċ minn frott preparat u priservat kif ukoll użu aħħari differenti.
- (16) Minkejja l-fatt li l-prodott ikkonċernat jista' jkun magħmul minn numru ta' tipi ta' frott taċ-ċitru żgħir li jistgħu jintagħrfu u li jiġu fi kwalitajiet differenti, u li huma ppakkjati f'pakketti immedjati ta' daqsijiet differenti u varjati, l-istħarriġ tal-Kummissjoni jindika li kollha għandhom karatteristiċi fiżiċi, użi u applikazzjonijiet l-istess jew simili. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeterminat li l-prodott ikkonċernat jiffirma prodott wieħed biss li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM relevanti mniżżla hawn fuq.

### 2.1.2. Prodotti simili jew li jikkompetu b'mod dirett mal-prodott

- (17) Il-Kummissjoni eżaminat jekk il-prodott magħmul mill-produtturi tal-Komunità (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-prodott simili) huwa bħall-prodott importat ikkonċernat.
- (18) Il-prodott ikkonċernat huwa magħmul fi kwalitajiet differenti, ġeneralment b'madwar 10 % jew inqas biċċiet ta' frott maqsum (msejjaħ kwalità "fancy"). L-oħrajn kollha huma msejjħa "standard". Xi wħud mill-esportaturi u importaturi li qegħdin jikkoperaw allegaw li l-mandolin tal-bott li oriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (PRC) kienu ta' kwalità aqwa minn dawk li oriġinaw mill-UE għaliex kienu imqaxxra bl-idejn, u staqrew li l-importazzjoni mill-PRC is-soltu jkollha persentaġġ inqas ta' biċċiet maqsuma. Madankollu, filwaqt li maġġoranza kbira ta' importazzjoni toriġina fil-PRC, hemm xhieda inkompatibbli ma' dik li hi kwalità/kwalità li tkun innotata tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili u dan l-argument tal-kwalità ma setax ikun issostanzjat:
- wieħed mill-importaturi nnegozja prodott ta' kwalità superjuri u prodott oħra bi prezz imnaqqas tal-prodott ikkonċernat. Il-verifikazzjoni uriet li fl-2002 huwa xtara kwantitajiet xi ftit ikbar ta' prodott ta' kwalità superjuri minn Spanja milli mill-PRC u importa l-kwantitajiet ta' prodott bi prezz imnaqqas tiegħu mill-PRC,
  - sabiex jassiguraw il-kwalità tal-prodotti tagħhom u l-oġhla standards tal-iġene, il-produtturi tal-Komunità investew ħafna fi programmi ta' modernizzazzjoni estensiva u l-proċessi tagħhom huma awtomatizzati ħafna. Produtturi tal-Komunità nnotaw li minħabba li kontrolli ta' iġjene huma meqjusa importanti u applikati b'mod rigoruż għal prodott impurtati waqt il-proċess ta' bottiljar, instabet preferenza minn naħa tal-konsumatur f'xi wħud mill-pajjiżi għal mandolin tal-bott magħmul minn produtturi tal-Komunità.
- (19) F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-determinazzjoni tal-Komunità fuq din il-kwistjoni hi li m'hemmx differenza sinifikanti kemm fil-kwalità vera jew fil-kwalità li tkun innotata tal-prodott ikkonċernat u dak magħmul mill-produtturi tal-Komunità, għalkemm jeżistu xi differenzi żgħar kemm fil-kwalità vera, kif ukoll fil-kwalità li tkun innotata.
- (20) Biex laħqet id-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod partikolari s-sejbiet ta' l-investigazzjoni li ġejjin:
- (a) il-prodott importat u l-prodott tal-Komunità jaqgħu taħt l-istess klassifikazzjoni internazzjonali għal skopijiet ta' tariffi fil-livell ta' kodiċi (sitt numri) HS. Barra dan, għandhom l-istess jew karatteristiċi fiżiċi simili bħat-togħma, daqs, forma u materjal. Kien hemm xi differenzi f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalità imma dawn ma nhassewx mill-konsumaturi. Barra dan, in-nuqqas ta' l-indikazzjoni ta' l-oriġini fuq it-tabella ta' ċerti prodott importati mibjugħa fis-suq Ewropew jagħmilha diffiċli għal konsumaturi biex jiddistingwu bejn prodott tal-EU u prodott importat;

- (b) il-prodott importat u l-prodott tal-Komunità kienu mibjugħa permezz ta' mezzi ta' bejgħ simili jew identiċi, informazzjoni fuq il-prezz kienet disponibbli mill-ewwel għax-xerreja u l-prodott ikkonċernat u l-prodott tal-produtturi tal-Komunità kkompetu l-iktar fuq il-prezz;
- (c) il-prodott importat u l-prodott tal-Komunità t-tnejn iservu l-istess użu aħħari jew simili, kienu għalhekk prodotti alternattivi jew li jistgħu jissostituwixxu wieħed lill-ieħor u kienu tali li setgħu jitbiddlu ma' xulxin faċilment;
- (d) il-prodott importat u l-prodott tal-Komunità kienu t-tnejn innotati mill-konsumaturi bħala prodotti alternattivi biex jissodisfaw hteġa jew domanda partikolari, f'dan is-sens id-differenzi identifikati minn ċerti esportaturi u importaturi kienu sempliċiment varjazzjonijiet minimi.
- (21) Fid-dawl ta' dan li ġej, il-Kummissjoni kkonkludiet li minkejja d-differenzi allegati fil-karatteristiċi u kwalitajiet tal-prodott identifikati f'sottomissjonijiet li ssemew qabel, il-prodott importat u l-prodott tal-Komunità huma "simili".

## 2.2. DEFINIZZJONI TAL-PROĊEDURI TAL-KOMUNITÀ

- (22) Produzzjoni totali tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat kienet madwar 40 000 tunnellati metriċi waqt l-istaġun ta' bottiljar 2002/03. Il-produzzjoni kollha tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità kienet twettqet fi Spanja.
- (23) It-tmien produtturi (min jibbottilja) fil-Komunità li koperaw fis-sħiħ fl-investigazzjoni huma kollha membri ta' assoċjazzjonijiet inkorporati fil-Federazzjoni Nazzjonali Spanjola ta' l-Assoċjazzjonijiet ta' Frott Ipproċessat u Ħaxix (FNACV). Fis-sena 2002/03, il-produzzjoni totali tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat kienet ta' 39 600 tunnellata metrika liema 34 150 tunnellati metriċi minnhom kienu magħmula mill-produtturi li ssemew l-ewwel, ekwivalenti għal iktar minn 85 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità. Għaldqstant jirrappreżentaw proporzjon magħguri tal-produzzjoni totali tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikolu 5(3)(ċ) ta' Regolament (KE) Nru 3285/94 u l-Artikolu 15(1) ta' Regolament (KE) Nru 519/94. Huma għalhekk ikkunsidrati bħala l-produtturi tal-Komunità għall-iskop ta' din il-proċedura.

## 3. ŻIEDA FL-IMPORTAZZJONIJIET

### 3.1. INTRODUZZJONI

- (24) Il-Kummissjoni investigat jekk il-prodott ikkonċernat huwiex importat fil-Komunità fi kwantitajiet miżjuda ħafna, b'mod sħiħ jew relattiv għal produzzjoni totali tal-Komunità, u/jew skond ħtiġijiet u kondizzjonijiet li jikkawżaw, jew huma ta' riskju li jikkawżaw, ħsara serja għal produtturi tal-Komunità. F'dan is-sens, il-Kummissjoni ffokat fuq importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu l-iktar riċenti meta informazzjoni kienet disponibbli. Il-lista hawn isfel turi l-iżvilupp ta' importazzjonijiet għas-snin 1998/99 sa 2002/03.

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Importazzjonijiet tal-UE	16 347	17 573	20 335	44 804	44 813
Prodotti tal-Komunità	81 869	75 767	60 462	60 329	39 600
Importazzjonijiet/Prodotti	20 %	23 %	34 %	74 %	113 %

### 3.2. VOLUM TA' IMPORTAZZJONI

- (25) Bejn 1998/99 u 1999/2000, importazzjonijiet żdiedu bejn wieħed u ieħor b' 7 %. Fis-sena ta' wara, ir-rata ta' żieda kibret għal madwar 16 % b'żieda f'importazzjonijiet li waslet għal 20 335 tunnellati metriċi f'2000/01. Imbagħad kien hemm importazzjonijiet massivi f'daqqa bejn 2000/01 u 2001/02. Importazzjonijiet żdiedu b'120 % f'sena waħda għal 44 804 tunnellati metriċi, iktar minn 2,5 drabi l-livell ta' importazzjoni fl-1998/99. Importazzjonijiet baqgħu fuq l-istess livell bejn wieħed u ieħor fl-istaġun ta' bottiljar 2002/03.

Dawn it-tendenzi huma kkonfermati skond l-informazzjoni disponibbli l-iktar riċenti. L-informazzjoni riċenti tindika li l-importazzjoni fl-UE matul 2003 (l-iktar perjodu tard meta l-informazzjoni hija disponibbli) laħqet madwar 54 000 tunnellata metrika, u laħqet il-quċċata fl-aħħar kwart tas-sena b'importazzjonijiet ta' iktar minn 17 000 tunnellata metrika minkejja li miżuri ta' salvagwardja temporanji kienu introdotti fid-9 ta' Novembru 2003.

- (26) Relattivament mal-produzzjoni totali tal-Komunità, importazzjonijiet żdiedu minn 20 % fl-1998/99 għal 34 % f'2000/01, għal 74 % f'2001/02, u 113 % f'2002/03. Dawn it-tendenzi huma kkonfermati mill-informazzjoni l-iktar riċenti.

### 3.3. SEHEM TAS-SUQ MEĦUD MILL-IMPORTAZZJONIJIET

	1998/99	1999/00	2000/01	2001/02	2002/03
Sehem tas-suq meħud mill-importazzjonijiet	20 %	24 %	31 %	56 %	62 %

- (27) Is-sehem tas-suq meħud mill-importazzjonijiet żdied bejn l-1998/99 u l-2000/01 minn 20 sa 31 %, qabel ma kważi irdoppja għal 56 % fl-2001/02. Is-sehem tas-suq meħud mill-importazzjonijiet reġa żdied għal 62 % tal-konsum fl-2002/03. Il-konklużjoni tal-Kummissjoni hija li ż-żiedit fil-passat riċenti jistgħu jkunu meqjusa li seħħu malajr, f'daqqa u huma sinnifikanti meta tqabbilhom ma' l-iżviluppi fi staġuni ta' bottiljar ta' qabel.

### 4. PREZZIJIET TA' L-IMPORTAZZJONIJIET

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Prezz EUR/tunnellta	631	670	792	691	605

Egħjun: Eurostat.

- (28) Il-prezz medju (cif, fruntiera tal-UE) tal-prodott importat żdied b'6 % bejn l-1998/99 u l-1999/2000, u imbagħad bi 18 % iktar bejn l-1999/2000 u l-2000/01, qabel ma naqas bi 13 % fl-2001/02 għal 691 EUR/tunnellata. Prezzijiet ta' livell ġenerali komplew jonqsu fl-2002/03 sa ma laħqu EUR 605. Il-Kummissjoni nnotat li, għalkemm prezzijiet żdiedu fl-2000/01, iż-żieda maġġuri fl-importazzjonijiet seħħet fl-2001/02 fuq sfond ta' tnaqqis fil-prezzijiet u li prezzijiet komplew jonqsu fl-2002/03 (bi 12 %).
- (29) It-tendenza 'l isfel fil-prezzijiet hija kkonfermata iżjed bl-informazzjoni disponibbli l-iktar riċenti. Informazzjoni aġġornata mogħtija minn importaturi dwar l-evoluzzjoni ta' prezzijiet ta' importazzjoni u bejgħ mill-ġdid u kwantitajiet fil-perjodu April 2003 sa Diċembru 2003 tindika li prezzijiet naqqsu bi 13,5 % iktar f'dak il-perjodu. Minħabba li esportaturi ta' mandolin tal-bott huma invojsjati f'dollari Amerikani, it-tnaqqis fid-dollari Amerikan mal-euro ta' s-sehem tiegħu għal tnaqqis iktar fil-prezz. Ir-rata tal-kambju kienet ta' medja ta' USD 1,15: EUR fil-perjodu April 2003 sa Diċembru 2003 ma' USD 1,08: EUR fil-perjodu 2002/02, tnaqqis ta' 6,6 %. Peress li t-tnaqqis tal-prezz ġenerali ammonta għal 13,5 %, jidher li dan it-tnaqqis mhuwiex totalment kaġun tal-movimenti fir-rata tal-kambju imma ukoll tnaqqis fil-prezz reali matul ix-xhur ta' qabel u f'it wara l-imposizzjoni ta' miżuri temporanji.
- (30) Meta wieħed jagħmel stima ta' kif x'aktarx ħa jkunu tendenzi tal-prezz fil-futur, il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-kummerċjant tas-satsuma li huwa wieħed minn ta' l-ewwel fis-suq fil-Ġermanja baxxa l-prezz ta' landa standard ta' 314ml minn 0,35 EUR għal 0,29 EUR mill-5 ta' Jannar 2004 (i.e. wara l-imposizzjoni ta' miżuri temporanji).

## 5. ŻVILUPPI MPREVISTI

- (31) Fl-aħħar 5 snin, ġrat sekwenza ta' ġrajjet li wasslet għal żieda f'daqqa fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, b'mod partikolari minn PRC. Din is-sekwenza ta' ġrajjet ma setgħetx tkun prevista fiż-żmien tal-konklużjoni ta' l-Urugwaj round. Wieħed għandu jinnota li l-analiżi tiffoka fuq PRC, peress li iktar minn 98 % ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-UE huwa ta' oriġini Ċiniża.
- (32) Sa nofs l-1990ijiet, il-kapaċità ta' PRC biex tipproduċi l-prodott ikkonċernat kienet kbira biżżejjed biex tilħaq id-domanda domestika u tesporta għas-suqijiet maġġuri u l-iktar li jagħmlu profitt jġigifieri l-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika (il-Kosta tal-Punent). Esportazzjonijiet miċ-Ċina kienu fuq livell baxx u relattivament stabbli.
- (33) Il-lista hawn taħt tniżżel stimi ta' konsum madwar id-dinja kollha u tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-PRC, produzzjoni, esportazzjonijiet u konsum domestiku għall-istaġuni ta' bottiljar 1998/99 sa l-2002/03 fuq bażi ta' indiċi fejn konsum ta' madwar id-dinja fl-1998/99 kienet stmata ekwivalenti għal 100.

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Konsum madwar id-dinja kollha	100	115	113	137	141
Kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża	70	96	113	139	148
Produzzjoni Ċiniża	57	82	86	109	124
Konsum domestiku Ċiniż	5	9	12	16	20
Esportazzjonijiet totali Ċiniżi (stima)	48	65	70	96	104

*Egħjun:* Eurostat u informazzjoni oħra disponibbli għall-pubbliku kif ukoll informazzjoni mogħtija fl-investigazzjoni. L-informazzjoni qiegħda f'forma ta' indiċi għaliex il-parti li tat l-informazzjoni Ċiniża tablet li din tkun ittrattata b'mod kunfidenzali.

- (34) Fl-1998/99, il-konsum domestiku Ċiniż kien 5, filwaqt li l-kapaċità ta' produzzjoni kienet 70, bi produzzjoni li filfatt saret 57 (b'eċċessività kbira għal dak li kien meħtieġ biex isir provvediment għal ħtiġijiet domestiċi). Sa l-2002/03, il-konsum Ċiniż domestiku żdied għal 20, imma il-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża żdiedet għal 148, bi produzzjoni li filfatt saret ta' 124 (88 % tal-konsum stmat madwar id-dinja). Għalkemm il-konsum Ċiniż kien qiegħed jżdied rapidament, jibqa' baxx f'termini reali. Filwaqt li l-konsum madwar id-dinja kien qiegħed jżdied, dan sar gradwalment (b'madwar 7 % fis-sena). F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma kienx previst li l-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża kienet se togħla b'16 % fis-sena u tiskorri l-konsum madwar id-dinja sa l-2002/03, bl-ebda wisa' għal prodotti oħra. Kif il-konsum domestiku ta' PRC żdied għal 20 biss, iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża u produzzjoni żiedet il-perssoni fuq PRC b'mod ċar biex tesporta kwantitajiet kbar ħafna (u filfatt, fil-perjodu kkunsidrat, esportazzjonijiet iktar minn irduppjaw minn 48 għal 104). Dawn il-figuri jstgħu jingħataw kument billi wieħed jikkunsidra li esportazzjonijiet Ċiniżi fl-2002/03 kienu iktar minn tlewt darbiet it-total tal-konsum stmat fil-Komunità Ewropea f'dik is-sena.
- (35) Jidher li l-kwistjoni kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fuq ormoni fil-laħam kienet ukoll fattur fiż-żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi għal UE. Il-lista tal-prodotti li l-Istati Uniti ta' l-Amerika pproponiet li tagħmel suġġett għal miżuri ta' ritaljazzjoni skond dik il-kwistjoni inkludiet il-prodott ikkonċernat. Dan jidher li kien innostat minn produtture Ċiniżi bħala opportunità biex iżżid sostanzjalment l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika minnflok il-prodott tal-UE, u ħajjar espansjoni konsiderevoli tal-kapaċità tal-bottiljar Ċiniża. Madankollu, l-opportunità qatt ma ġiet fis-seħħ, u PRC ħabtet wiċċha ma' kapaċità eċċessiva sinifikanti għal liema kellha ssib soluzzjonijiet alternattivi. Is-suq l-iktar attraenti deher li kien l-UE, u PRC żiedet b'mod massiv l-esportazzjonijiet tagħha lejn is-suq tal-UE.

- (36) Il-politika monetarja Ċiniża, li fiha il-wan inżamm mad-Dollari Amerikan għal madwar 8,28 yuan/USD, minkejja differenzi li nħassu fil-valur relattiv taż-żewġ muniti, inkoraġġiet ukoll esportazzjonijiet. Din għamlitha iktar probabbli li l-prodott ikkonċernat ikun esportat, iktar milli mibjugħ fis-suq domestiku Ċiniż. Barra dan, wara t-tnaqqis mhux mistenni fil-valur tad-dollari Amerikan meta mqabbel mal-euro minn Ottubru 2000, il-wan tilef il-valur meta mqabbel mal-euro, jagħmel għalhekk is-suq Ewropew iktar attraenti għall-esportaturi Ċiniżi.
- (37) Fl-aħħar, hija l-analiżi tal-Kummissjoni li l-iżviluppi imprevisi li kkaġunaw żieda fl-importazzjonijiet għal Komunità jikkonsistu f'numru ta' fatturi f'daqqa: iż-żieda bla preċedent fil-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża li wasslet għal pressjoni għolja fl-esportazzjoni; il-possibilità li l-miżuri ta' ritaljazzjoni ta' l-Istati Uniti fil-kwistjoni tal-ormoni jeskludu il-prodott tal-UE mill-Istati Uniti, b'hekk iħajjru żieda fil-kapaċità tal-PRC u konsegwentament fil-produzzjoni; bdil fil-preferenza tal-konsumatur mill-2001 'l quddiem u l-politika ta' rata tal-kambju tal-Gvern Ċiniż flimkien mat-tnaqqis mhux mistenni tad-dollari Amerikan minn Ottubru ta' l-2000. Din il-ġabra ta' fatturi, li kienet imprevisiva b'mod ċar fl-aħħar ta' l-Urugwaj round, ħolqot il-kondizzjonijiet għal żieda bla preċedent fl-importazzjoni lejn il-Komunità.

## 6. ĦSARA SERJA

### 6.1. INTRODUCTION

- (38) Sabiex issir determinazzjoni definittiva fuq jekk hemmx ħsara serja għall-produtturi tal-Komunità tal-prodott simili, i.e. indeboliment ġenerali u sinifikanti fil-posizzjoni tal-produtturi tal-Komunità, il-Kummissjoni iffinalizzat il-valutazzjoni tagħha tal-fatturi kollha rilevanti ta' natura objettiva u li tista' tingħatalha kwantità li jkollha effett fuq is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Komunità. B'mod partikolari, għal prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni fuq l-iżvilupp tal-kapaċità tal-produzzjoni, il-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, impiegi, produttività, likwidità, redditu fuq il-kapital imħaddem, użu ristrett, ħażniet, konsum, bejgħ, sehem tas-suq, prezz, it-tniżżil taħt il-prezz u l-profitt għall-istaġuni ta' l-1998/99 sa l-2002/03.
- (39) Analiżi tal-konsum tal-Komunità, għalkemm mhux f'indikazzjoni ta' kemm qed issir ħsara, qiegħda tingħata ukoll.

#### 6.1.1. Konsum

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Konsum (t)	80 065	74 056	65 676	80 960	72 843

- (40) Konsum tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità kien stabbilit fuq il-bażi tal-bejgħ totali magħmul mill-produtturi tal-Komunità u produtturi oħra tal-KE u t-total tal-importazzjoni tal-prodott konċernat fil-Komunità kif rappurtat mill-Eurostat.
- (41) Bejn l-1998/99 u l-2000/01, konsum fil-Komunità niżel bi 18 % minn 80 065 tonnelli metriċi għal 65 676 tonnelli metriċi. Bejn l-2000/01 u l-2001/02, kiber bi 23 % biex jilħaq l-iktar livell għoli tiegħu għal perjodu li fih kien eżaminat (80 960 tonnelli metriċi). Fl-istaġun l-iktar riċenti (2002/03) kien hemm tnaqqis ta' 10 % fil-konsum meta mqabbel ma' l-2001/02, b'konsum eqreb lejn il-livell ġenerali tiegħu għall-perjodu ta' konsiderazzjoni (74 720 tonnelli metriċi fis-sena).

#### 6.1.2. Kapaċità ta' produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Kapaċità (t)	126 760	129 260	129 260	129 260	129 260
Utilizzazzjoni tal-kapaċità	65 %	59 %	47 %	47 %	31 %

- (42) Il-Kummissjoni analizzat il-kapaċità ta' produzzjoni tal-produtturi tal-Komunità fuq il-bażi ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' staġun kollu (1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru fis-sena ta' wara). Il-prodott simili huwa manifatturat minn Novembru sa Frar b'użu ta' faċilitajiet tal-produzzjoni li f'it minnhom jistgħu jintużaw biex ikun proċessat frott u ħaxix ieħor matul il-kumpliment ta-sena. Madankollu, minn Novembru sa Frar m'hemm l-ebda frott u ħaxix ieħor disponibbli għall-ipproċessar fir-reġjuni kkonċernati (Valenzia u Murcia, Spanja).
- (43) L-investigazzjoni kkonfermat li l-kapaċità ta' produzzjoni teoretika stmata b'mod ġenerali baqgħet stabbli fil-perjodu ta' l-investigazzjoni b'żieda waħda żgħira (ta' 2 %) irrekordjata bejn 1998/99 u 1999/2000.
- (44) L-utilizzazzjoni ta' kapaċità waqgħet bejn 1998/99 u 1999/2000 minn 65 għal 59 %. Dan it-tnaqqis huwa spjegat b'mod parzjali biż-żieda ta' 2 % fil-kapaċità f'dik is-sena, imma il-parti l-kbira hija spjegata bi tnaqqis fil-produzzjoni ta' 7,5 % minn 81 869 tonnelli metriċi għal 75 767 tonnelli metriċi. L-utilizzazzjoni ta' kapaċità naqqset bi 12-il punt fil-mija iktar fl-2000/01 (għal 47 %). Baqgħet stabbli fis-sena ta' wara imma imbagħad naqqset għal 31 % (naqqs ta' 16-il punt fil-mija) fl-2002/03. It-tnaqqis fl-utilizzazzjoni, mill-1999/2000 'il quddiem, jirrifletti t-tnaqqis fil-produzzjoni fl-istess perjodi.

### 6.1.3. Produzzjoni totali tal-Komunità

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Produzzjoni (t)	81 869	75 767	60 462	60 329	39 600

- (45) Produzzjoni totali tal-Komunità naqqset bejn l-1998/99 u 2001/02 minn 81 869 tonnelli metriċi għal 60 329 tonnelli metriċi. Minn dak inhar 'l hemm, il-produzzjoni naqqset bi 35 % iktar fl-istaġun 2002/03 għal l-inqas livell tagħha fil-perjodu li qiegħed ikun eżaminat.
- (46) It-tendenza fil-produzzjoni hija kkonfermata bl-informazzjoni disponibbli l-iktar riċenti (2003/04) li jindikaw tnaqqis ieħor fil-produzzjoni għal 26 165 tonnelli metriċi (informazzjoni parzjali). Il-produtturi tal-Komunità ma jistgħux jinvestu u jikkommettu ruħhom li jipproduċu kemm-il darba ma jkollhomx ordnijiet bil-quddiem mill-klijenti maġġuri tagħhom. Madankollu, ma jistgħux jiksbu dawn l-ordnijiet għaliex ma jistgħux jikkompetu fuq il-prezzijiet.

### 6.1.4. Impieg

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Impieg (tmien tal-perjodu)	2 502	2 441	2 462	2 419	2 343

- (47) Impieg b'mod relattiv mal-prodott ikkonċernat naqas fl-1999/2000. Imbagħad irkupra ftit fl-2000/01 qabel ma reġa' naqas iktar fl-2001/02 u l-2002/03. Barra it-tnaqqis fl-impieg irrekordjat mill-produtturi tal-Komunità, kien hemm ukoll tnaqqis fl-impieg tal-bottiljar tal-mandolin fil-Komunità matul il-perjodu ta' ħames snin minħabba li xi wħud mill-produtturi involuti fil-bottiljar tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità waqqfu din l-attività qabel il-ftuħ ta' l-investigazzjoni tas-salvagwardja. Wieħed għandu jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-għadd ta' nies impjegati hija rappreżentata minn ħaddiema ta' l-istaġun. Għal din ir-raġuni, din il-lista għandha tkun ikkunsidrata flimkien mal-lista li ġejja dwar is-siġhat li nħaddmu.

### 6.1.5. Siġhat maħduma u produttività

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Siġhat maħduma	944 000	985 000	823 000	861 000	625 000
Produttività (siġhat maħduma/tonnellata metrika)	15,9	16,8	15,6	16,8	17,7



- (48) Stampa iktar ċara tal-impatt fuq l-impieg mill-produtturi tal-Komunità tidher mis-siġhat maħduma, li jinkludu l-impieg tal-ħaddiema ta' l-istaġun. In-numru ta' siġhat maħduma ukoll jipprovdur bażi aktar preċiżi biex titkejjel il-produttività milli n-numru tal-impjegati.
- (49) B'mod ġenerali, tnaqqis sod fin-numru ta' siġhat maħduma jista' jkun osservat, bi tnaqqis minn 861 000 għal 625 000, tnaqqis ta' 27 % fil-perjodu l-iktar riċenti. Il-produttività naqqset daqsxejn bejn l-1998/99 u l-2001/02 minn 15,9 siġhat maħduma għal kull tunnellata metrika manifatturata għal 16,8 siġhat maħduma, u naqqset iktar għal 17,7 siġhat fl-aħħar staġun (2002/03). Wieħed għandu jinnotta li differenzi fil-produttività huma l-iktar dovut għal produzzjoni tal-prodott frisk.

#### 6.1.6. Likwidità u redditu fuq il-kapital imħaddem (ROCE)

Sena finanzjarja	1998	1999	2000	2001	2002
Likwidità (indiċi: 1999 = 100)	2	100	80	116	-4
ROCE	15,1	18,9	9,3	9,8	8,1

- (50) Likwidità u ROCE setgħu jkunu biss eżaminati fuq il-livell ta' kumpanniji li kkoperaw bejniethom u li pproduċew il-prodott ikkonċernat (iktar milli b'mod relattiv għal prodott ikkonċernat) u jidhru skond snin tal-kalendarju. Dawn l-elementi ta' indikazzjoni huma għalhekk inqas sinifikat minn elementi oħra ta' indikazzjoni. Madankollu, jidher li likwidità u ROCE naqqsu sostanzjalment fl-aħħar perjodu riċenti.

#### 6.1.7. Il-volum tal-bejgħ

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Il-volum tal-bejgħ fil-Komunità (t)	63 718	56 483	45 341	36 156	28 030

- (51) Bejgħ fil-Komunità tal-prodott simili mill-produtturi tal-Komunità niżel minn 63 718 tunnellati metriċi għal 45 341 tunnellati metriċi bejn l-1998/99 u l-2000/01, li tirrifletti it-tnaqqis fil-konsum u ż-żieda fl-importazzjonijiet f'dak il-perjodu. Madankollu, minkejja żieda fil-konsum fis-sena ta' wara, il-bejgħ baqa' jonqos bejn l-2000/01 u l-2001/02 (b'20 %) sa ma laħaq 36 156 tunnellati metriċi, hekk kif l-importazzjonijiet iktar minn irduppjaw għal 44 804 tunnellati metriċi. Dan jirrifletti d-dominanza ta' l-importazzjoni fis-suq li qiegħda dejjem tiżdied. Fil-perjodu l-iktar riċenti, il-bejgħ kompli jonqos sa 28 030 tunnellati metriċi fl-2002/03, l-iktar livell baxx fl-istorja li jirrapreżenta tnaqqis ta' 56 % f'erba' snin.

#### 6.1.8. Sehem tas-suq

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Sehem fis-suq	79 %	76 %	69 %	44 %	38 %

- (52) Is-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Komunità niżel minn 79 għal 69 % bejn l-1998/99 u l-2000/01, għal 44 % fl-2001/02 u għal 38 % fl-2002/03. It-tnaqqis sostanzjali f'dawn l-aħħar żewġ staġuni juri ż-żieda tal-penetrazzjoni fis-suq ta' importazzjonijiet f'dawk il-perjodi, li seħħew minkejja l-fatt li l-produtturi tal-Komunità baxxew il-prezzijiet bi 17 % bejn 2000/01 u l-2001/02 u 6 % iktar fl-2002/03.
- (53) It-tnaqqis tal-prezzijiet u t-telf tas-sehem fis-suq seħħew flimkien b'riżultat li naqqsu l-profitt tal-produtturi tal-Komunità (diskussi hawn isfel).

### 6.1.9. Prezz tal-prodott simili u l-bejgħ taħt il-prezz

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Prezzijiet ta' unità tal-bejgħ tal-Komunità (EUR/tunnellata metrika)	826	790	925	827	781
Prezzijiet ta' unità ta' esportazzjonijiet Ċinzi kif ukoll dazju (EUR/tunnellata metrika) (*)	732	773	910	790	691
Bejgħ taħt il-prezz (EUR/tunnellata metrika)	94	17	15	37	90
Bejgħ taħt il-prezz	11 %	2 %	2 %	4 %	12 %

(\*) Egħjun: Eurostat.

- (54) Il-prezz medju tal-prodott simili niżel bejn l-1998/99 u l-1999/2000 imma rkupra fl-2000/01, billi żdied bi 17 % għal EUR 925 għal kull tunnellata metrika. Il-prezz medju reġa naqas għal EUR 827 għal kull tunnellata metrika fl-2001/02, u reġa naqas għal EUR 781 għal kull tunnellata metrika fl-2002/03.
- (55) Sabiex ikun iddeterminat il-livell tal-bejgħ taħt il-prezz, informazzjoni fuq il-prezz kienet eżaminata għal perjodi li setgħu jkunu mqabblin, fl-istess livell ta' kummerċ u għal bejgħ lill-klijenti simili. Meta wieħed jibbaża fuq paragon ta' prezzijiet ta' livell ġenerali ta' persuni li kienu ħaddiema qabel, li jżommu produtturi tal-Komunità u dawk ta' produtturi li jespertaw lill-impurtaturi tal-Komunità (cif fruntiera tal-UE dazju inkluż), prezzijiet tal-lokal tniżżlu taħt in-normal fil-ħames perjodi li kienu eżaminati bejn 2 u 12 %.

### 6.1.10. Profitt

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Profitt/telf nett fuq bejgħ tal-Komunità	4,0 %	0,5 %	6,8 %	-1,7 %	-4,3 %

- (56) Il-profitt tal-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità varja b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' ħames snin li kien eżaminat. Il-profitt l-iktar baxx kien irrekordjat fl-2001/02 u fl-2002/03, u l-ogħla fl-2000/01. Fl-2002/03, hekk kif l-importazzjonijiet żdiedu għall-ogħla livell fil-perjodu li kien eżaminat, il-prezz medju ta' l-importazzjonijiet niżel għal EUR 605 għal kull tunnellata metrika u l-prezz medju tal-prodott tal-Komunità niżel għal EUR 781 għal kull tunnellata metrika. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet, meta meħud mat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ, seħħ fl-istess żmien meta l-profitt tal-produtturi tal-Komunità niżżlet minn 6,8 % għal (- 1,7 %) fl-2001/02 u din it-tendenza komplet għal sitwazzjoni fejn it-telf kien agħar (- 4,3 %) fl-2002/03.
- (57) Bejgħ taħt il-prezz jirrifletti l-limitu li l-prezz tal-prodott importat huwa iktar baxx mill-prezz li l-produtturi tal-Komunità għandhom jippretendu li ħa jakkwistaw f'sitwazzjoni li ma tkunx ta' ħsara. Il-livell tal-bejgħ taħt il-prezz kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-prezz medju meqjus li ma jikkawżax danni għal kull tunnellata metrika tal-prodott tal-Komunità. Dan il-prezz kien ikkalkulat billi tittieħed l-ispiża tal-produzzjoni għal prodott tal-Komunità (irranġat biex jittieħdu fil-kunsiderazzjoni l-ispiża għat-trasport biex ikun assigurat li sar paragon xierqa mal-importazzjonijiet imwassla sal-qasam ġeografiku maġġuri tal-konsum) ma' liema kien miżjud marġni ta' profitt ta' 6,8 %. Dan il-marġni ta' profitt kien meqjus raġonevoli għaliex jirreferi għal profitti tal-produtturi tal-Komunità f'sitwazzjoni normali ta' kummerċ li mhiex affettwata b'żieda qawwija u immedja fl-importazzjonijiet. Dan il-prezz li ma jikkawżax l-ebda ħsara kien imqabbel mal-prezz medju meqjus għal kull tunnellata metrika tal-prodott impurtat u ikkonċernat matul il-perjodu April sa Diċembru 2003, fuq l-istess livell ta' kummerċ, cif fruntiera tal-Komunità, dazju, spejjeż ta' wara l-importazzjoni u bil-profit tal-importatur miżjud. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ prezzijiet kienet espressa bħala persentaġġ tas-cif/prezz tal-fruntiera tal-Komunità tal-prodott impurtat, u rriżulta f'bejgħ taħt il-prezz ta' 57,9 %.

**6.1.11. Ħażniet**

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Stokk ta' l-għeluq (t)	13 016	10 628	11 205	17 279	11 069

- (58) Il-livelli tal-ħażniet waqa' bejn l-1998/99 u l-2000/01, imma imbagħad żdied b'mod sinifikanti fl-2001/02 qabel ma reġġu niżlu fl-2002/03 fil-livell tagħhom fl-2000/01, minħabba li l-produtturi tal-Komunità naqqsu l-livelli għoljin tal-ħażniet tagħhom permezz ta' qtugħ fil-produzzjoni. Iż-żieda fil-ħażna bejn l-2000/01 u l-2001/02 ħabtet ma' tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità fil-Komunità ta' 20 %, u nstab li dan seħħ l-iktar minħabba t-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ.

**6.1.12. Konklużjoni**

- (59) L-informazzjoni turi li filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet daqsxejn fil-bidu tal-perjodu li kien eżaminat, hemm żvilupp negattiv għall-utilizzazzjoni tal-kapaċità, produzzjoni, impieg, produttività, il-likwidità u ROCE. B'mod ġenerali, qabel l-isfond tal-konsum li kien naqas għal sentejn u irkupra għal livell l-iktar viċin li kellu qabel, qabel ma reġa naqas fl-2002/03, l-informazzjoni turi żvilupp negattiv għal bejgħ, sehem tas-suq, prezzijiet u profitt kemm fl-2001/02 kif ukoll fl-2002/03. Kien hemm żieda fil-ħażniet fl-2001/02, imma dawn marru lura għal-livell li kellhom qabel fl-2002/03.
- (60) B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnotta li filwaqt, fl-2001/02, l-importazzjonijiet iktar minn irduppjaw (44 804 tunnelli metriċi), il-volum tal-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità fil-Komunità laħaq livell baxx (36 156 tunnelli metriċi) u l-profitt tal-produtturi tal-Komunità naqas għal (- 1,7 %). Dan ġara meta fl-istess ħin kien hemm żieda fil-konsum f'dik is-sena. Kontra ta' dan l-isfond, filwaqt li wieħed seta' jistenna li l-importazzjonijiet ħa jsegwu l-livell tal-konsum u li l-prezzijiet ħa jsiru aktar għaljin, l-importazzjonijiet iktar minn irduppjaw u l-prezz kemm tal-prodott importat kif ukoll ta' dak li kien immanifatturat mill-produtturi tal-Komunità naqas.
- (61) Barra dan, fl-2002/03, għalkemm il-konsum waqa' b'10 % ma kienx hemm tnaqqis fil-livell tal-importazzjonijiet u l-impatt maġġuri tat-tnaqqis fil-konsum kien soffert mill-produtturi tal-Komunità liema bejgħ tnaqqsilhom bi 22 % filwaqt li l-prezzijiet tagħhom naqqsu b'6 %. Dan, flimkien ma' reviżjoni ta' ħażniet totali mis-sena ta' qabel ħolqot il-ħtieġa ta' tnaqqis sinifikanti fi produzzjoni mill-produtturi tal-Komunità.
- (62) Dawn il-fatturi f'daqqa huma riflessi fl-indikaturi ta' l-ekonomija relatati mal-produtturi tal-Komunità. Il-produtturi tal-Komunità tilfu sehem mis-suq, li laħaq il-livell l-iktar baxx fl-2002/03. Huma soffrew ukoll tnaqqis fil-bejgħ sħiħ kemm fl-2001/02 kif ukoll fl-2002/03. Riżultat ta' dan, kienu mġegħlin inaqqsu il-produzzjoni f'kull waħda minn dawn is-snin. Minħabba f'hekk, il-kapaċità tagħhom ta' l-utilizzazzjoni waqgħet kemm fl-2001/02 kif ukoll fl-2002/03. Il-produttività u l-impieg ukoll waqgħu kemm fl-2001/02 kif ukoll fl-2002/03. L-effett totali tat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ u prezzijiet tal-Komunità huwa tnaqqis fl-introjt tal-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità b'29 % minn EUR 41,9 milljuni fl-2000/01 għal 29,9 milljuni fl-2001/02 u EUR 21,9 milljun fl-2002/03. Fl-istess ħin, il-profitt tal-produtturi tal-Komunità niżel minn 6,8 % għal (- 1,7 %) fl-2001/02 u (- 4,3 %) fl-2002/03.
- (63) Billi tiegħu fil-kunsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, il-Kummissjoni ikkonkludiet li l-produtturi tal-Komunità soffrew ħsara serja.

**7. KAWŻAZZJONI**

- (64) Sabiex tkun eżaminata l-eżistenza ta' rabta ta' kawża bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet u l-ħsara serja, u sabiex ikun aċċertat li ħsara kkaġunata minn fatturi oħra ma tkunx marbuta ma' żieda fl-importazzjonijiet, il-Kummissjoni pproċediet hekk kif ġej:

— l-effetti ta' ħsara ta' fatturi meqjusin bħala li qegħdin jikkaġunaw ħsara saritilhom differenza bejniethom,

- dawn l-effetti ta' ħsara kienu attribwiti mal-fatturi li qegħdin jikkagunawhom, u,
- wara li saret assoċjazzjoni tal-ħsara mal-fatturi ta' kawża kollha preżenti, il-Kummissjoni iddeterminat jekk żieda fl-importazzjonijiet hiex kawża ta' ħsara serja "ġenwina u sostanzjali".

## 7.1. ANALIŻI TA' FATTURI TA' KAWŻA

### 7.1.1. Effet ta' żieda fl-importazzjonijiet

- (65) Is-suq għal mandolin tal-bott huwa trasparenti għal dak li għandu x'jaqsam ma' egħjuni ta' provvista u klijenti. Peress li mandolin tal-bott essenzjalment huwa prodott li jinxtara għall-użu ta' kuljum, il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili jikkompetu l-iktar fuq il-prezz.
- (66) Fil-perjodu 2000/01 sal-2002/03, is-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet kiber minn 31 sa 56 % u mbagħad 62 %, filwaqt li s-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Komunità naqas minn 69 għal 44 % u mbagħad 38 %. Matul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet kibru minn 34 għal 74 % sa 113 % tal-produzzjoni tal-Komunità li jindika li l-importazzjonijiet żiedu ukoll b'mod relattiv mal-produzzjoni, bl-ispejjeż għall-produtturi tal-Komunità.
- (67) Għal dawk li huma preżżijiet, bejn l-2000/01 u l-2002/03, il-prezz fil-livell ġenerali tal-unità tal-Eurostat tal-prodott impurtat fis-suq tal-Komunità waqa' minn EUR 792 għal EUR 691 u mbagħad għal EUR 605 għal kull tunnellata metrika. Matul l-istess perjodu, il-prezz fil-livell ġenerali tal-unità tal-prodott tal-Komunità waqa' minn EUR 925 għal EUR 827 u mbagħad għal EUR 781 għal kull tunnellata metrika. L-effett tat-tnaqqis fil-prezz fil-livell ġenerali tal-unità tal-prodott simili biss fuq l-introjtu tal-produtturi tal-Komunità minn bejgħ fil-Komunità kien se jkun tnaqqis ta' 11 % (EUR 4,4 m) fl-2001/02, u tnaqqis ieħor ta' 6 % (EUR 1,7 m) fl-2002/03. Meta tikkunsidra it-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ li seħħ simultanament, it-tnaqqis attwali fl-introjtu tal-bejgħ fil-Komunità kien EUR 12 m fl-2001/02 u ta' EUR 8 m fl-2002/03. Dan it-tnaqqis fl-introjtu tal-bejgħ (flimkien ma' żieda fl-ispejjeż) ħoloq tnaqqis konsiderevoli fil-profit u l-produtturi tal-Komunità urew telf ta' 1,7 % fl-2001/02 u ta' 4,3 % fl-2002/03.
- (68) Minħabba r-raġunijiet preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm korrelazzjoni bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet bi preżżijiet baxxi u l-ħsara serja li esperjenzaw il-produtturi tal-Komunità, u li ż-żieda fl-importazzjonijiet kellha effetti ta' ħsara b'mod partikolari fis-sens ta' pressjoni 'l isfel fuq il-preżżijiet u tnaqqis fil-volum mibjugħ mill-produtturi tal-Komunità fis-suq tal-Komunità.

### 7.1.2. Effet tat-tibdil tal-konsum

- (69) Il-Kummissjoni wettqet eżami sħiħ tal-effetti ta' ħsara tat-tnaqqis fil-konsum bejn l-1998/99 u l-2000/01. Dak it-tnaqqis għandu jkun meqjus fil-kuntest tat-tendenza ġenerali matul il-perjodu ta' ħames snin li kien qed ikun investigat. Il-konsum naqas minn 80 065 tunnellati metriċi fl-1998/99 għal 74 056 tunnellati metriċi fl-1999/2000 u 65 676 tunnellati metriċi fl-2000/01, imma mbagħad żied b'15 284 tunnellati metriċi għal 80 960 tunnelli metriċi fl-2001/02, qabel ma reġa naqas għal 72 843 tunnellati metriċi fl-2002/03.
- (70) Il-Kummissjoni tinnota li għalkemm il-konsum waqa' għall-iktar livell baxx għal perjodu li qiegħed jkun ikkunsidrat fl-2000/01, dik kienet ukoll is-sena f'liema il-produtturi tal-Komunità akkwistaw il-livell l-iktar għoli ta' l-utilità taġġhom (6,8 %). Mill-banda l-oħra, il-konsum ogħla fl-2001/02 għal 80 960 tunnellati metriċi (l-iktar livell għoli matul dak il-perjodu) imma l-profit tal-produtturi tal-Komunità waqa' għal (-1,7 %) fl-istess ħin. Għaldaqsekk, m'hemmx korrelazzjoni ċara bejn il-konsum stess u l-profit u s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tal-produtturi tal-Komunità.

- (71) Meta wieħed jeżamina l-effett tal-konsum fuq l-profitt tal-produtturi tal-Komunità, wieħed irid jikkunsidra ir-reazzjoni tal-parteċipanti kollha tas-suq għat-tibdiliet fil-konsum. F'dan is-sens, instab li filwaqt li l-produtturi tal-Komunità kienu mġiegħla li jnaqqsu il-bejgħ tagħhom fil-Komunità bejn wieħed u ieħor b'9 185 tunnelli metriċi fl-2001/02 meta mqabbel mal-2000/01, l-importazzjonijiet iċċaqilqu fid-direzzjoni opposta b'mod konsiderevoli (+ 24 469 tunnelli metriċi). Bl-istess mod, fl-2002/03, filwaqt li l-importazzjonijiet komplew fuq il-livell tagħhom fis-sena ta' qabel, il-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità waqa' b'iktar minn 8 000 tunnelli metriċi.
- (72) As regards price effects, variations in consumption of canned goods with a substantial shelf-life should not normally lead to substantial price effects if production is adjusted to the needs of the market.(72) Għal dak li għandu x'jaqşam ma' effetti tal-prezzijiet, varjazzjonijiet fil-konsum ta' oġġetti tal-bott bi żmien sostanzjalment twil f'liema l-oġġetti jibqa' tajjeb biex jittikel, normalment m'għandhomx iwasslu għal effetti tal-prezz sostanzjali jekk il-produzzjoni hija mmodifikata għall-bżonnijiet tas-suq. F'dan is-sens, ir-reazzjoni tal-produtturi tal-Komunità tidher li kienet tnaqqis kemm tal-produzzjoni kif ukoll tal-bejgħ iktar milli kien meħtieġ biex iפטu għat-tnaqqis fil-konsum. Din hi riflessa fi tnaqqis simili fil-ħażniet.
- (73) Bl-istess mod, jekk il-prezzjoni tal-prezz tonqos, l-effetti ta' ħsara li jinħolqu minn prezzijiet baxxi jkunu wkoll minimizzati. Il-fattur l-iktar importanti huwa l-profitt, fejn kull tnaqqis seta' jkun minimizzat jekk il-prezzijiet u l-volum tal-bejgħ ma waqax sostanzjalment. Għalhekk, wieħed għandu jikkonkludi li, fin-nuqqas ta' żieda qawwija fl-imporzjonijiet bi prezzijiet baxxi, it-tnaqqis fil-konsum ma kienx iwassal għal tnaqqis sostanzjali fil-profitti.
- (74) Jekk il-parteċipanti fis-suq immodifikaw il-produzzjoni tagħhom, imbagħad il-produtturi tal-Komunità kienu xorta jkunu biegħu inqas fl-1999/2000, fl-2000/01 u fl-2002/03. Imma l-konsum fl-2001/02 kien fl-iktar livell għoli tiegħu mill-1998/99, u approssimament fl-istess livell bħal f'dik is-sena. Madankollu, l-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità naqas fl-2001/02 meta mqabbel ma' l-1998/99 b'29 438 tunnelli metriċi, tnaqqis ta' 43 %. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet żdieđu fl-2001/02 b'28 457 tunnelli metriċi meta mqabbla ma' l-1998/99. L-importazzjonijiet għalhekk, żdieđu b'mod konsiderevoli bejn l-1998/99 u l-2001/02 minkejja li l-konsum kien biss fit iktar għoli.

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Konsum (t) Żvilupp li sar attwalment	80 065	74 056	65 676	80 960	72 843
Sehem fis-suq attwalment	80 %	76 %	69 %	45 %	38 %
Simulazzjoni ta' sehem fis-suq (*)	80 %	71 %	57 %	45 %	35 %

(\*) Simulazzjoni jekk il-livell tal-konsum kien konstanti fil-perjodu fil-livell tiegħu ta' l-1998/99.

- (75) Il-lista t'hawn fuq turi li anki jekk il-konsum kien baqa' konstanti fil-perjodu li kien eżaminat, is-sehem fis-suq tal-industrija tal-Komunitàma kienx ikun żviluppat f'manjera sostanzjalment differenti. Dan juri li l-iżvilupp tal-konsum kellu biss impatt limitat fuq is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Komunità.
- (76) Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, kien konkluż li, għalkemm hemm rabta bejn it-tnaqqis fil-konsum u l-effetti ta' ħsara osservati, din ir-rabta mhiex sostanzjali.

### 7.1.3. Effetti tal-bidliet fil-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni

	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Esportazzjonijiet (ftunnelli metriċi)	21 316	21 672	14 544	18 099	17 780

- (77) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll l-effetti tat-tnaqqis fl-esportazzjonijiet. Bejn l-1998/99 u l-2000/01, il-volum ta' l-esportazzjonijiet tal-mandolin tal-bott tal-produtturi tal-Komunità naqas minn 21 316 tunnelli metriċi għal 14 544 tunnelli metriċi hekk kif il-produtturi tal-Komunità tilfu s-sehem fis-suq minħabba l-kompetizzjoni ta' prezzijiet baxxi mill-PRC (b'mod partikolari bħla riżultat tal-kwistjoni tal-ormoni li kienet diskussa fil-premess 35). Bejn l-2000/01 u l-2001/02, l-esportazzjonijiet irkupraw għal 18 099 tunnelli metriċi u għal 17 780 tunnelli metriċi fl-istaġun ta' l-2002/03. Matul il-perjodu ta' ħames snin, l-esportazzjonijiet naqsu b'madwar 3 500 tunnelli metriċi, għalkemm it-tnaqqis prinċipali seħħ bejn l-1999/2000 u l-2000/01 (fis-sena meta il-produtturi tal-Komunità għamlu l-iktar profitt). Fl-2001/02, l-esportazzjonijiet żdiedu attwalment, għall-benefiċċju tal-produtturi tal-Komunità. Fil-perjodu l-iktar riċenti, bejn l-2001/02 u l-2002/03, l-esportazzjonijiet naqqsu bi 319 tunnelli metriċi jew b'1,7 %, li jirrapreżentaw 0,8 % biss mill-produzzjoni tal-Komunità f'dik is-sena.
- (78) Wieħed għandu wkoll jinnota li fil-kalkulazzjoni tal-profitt fis-6.1.10 kulma kien meqjus kien bejgħ tal-Komunità biss. Għalhekk, il-waqgħa rrekordjata fil-profitt tal-produtturi tal-Komunità fil-perjodi l-iktar riċenti hija pjuttost indipendenti mill-effetti ta' l-esportazzjonijiet.
- (79) Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, kien konkluż li hemm xi rabta bejn il-waqgħa fl-esportazzjonijiet u l-effetti ta' ħsara osservati, safejn, per eżempju, esportazzjonijiet esportati kkontribuwixxu biex ibaxxu l-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Madankollu, huwa kkunsidrat li l-maġġoranza ta' dak l-effett seħħ bejn l-1999/2000 u l-2000/01 (meta l-produtturi tal-Komunità kienu għadhom jagħmlu profitt) u li t-tnaqqis żgħir fl-esportazzjonijiet fl-2002/03, ekwilvalenti għal inqas minn 1 % tal-produzzjoni tal-Komunità, ma kellux effett apprezzabbli.

#### 7.1.4. Effett ta' kapaċità eċċessiva

- (80) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-effetti ta' ħsara setgħux irriżultaw minn kapaċità eċċessiva bejn il-produtturi tal-Komunità. Kien hemm biss tibdil wieħed żgħir fil-kapaċità teoretika tal-produzzjoni li kienet stmata matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni, meta, fl-1999/2000 il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bi 2 % għal 129 260 tunnelli metriċi.
- (81) Din iż-żieda fil-kapaċità tat il-kontribut tagħha għal waqgħa fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità fl-1999/2000 u snin sussegwenti minħabba li l-ħtieġa antiċipata għal kapaċità addizzjonali ma mmaterjalizzatx ruħha. Għalhekk, kien konkluż li hemm rabta bejn iż-żieda fil-kapaċità u l-effetti ta' ħsara osservati fil-parti inizjali tal-perjodu tal-ħames snin, għalkemm l-effett tal-kapaċità addizzjonali fuq il-profitt ġenerali tal-produtturi tal-Komunità kien żgħir ħafna.

#### 7.1.5. Effet ta' nuqqas ta' provvista ta' materja prima

- (82) Xi wħud mill-esportaturi saħħqu li r-raġuni wara l-waqgħa fil-produzzjoni mill-produtturi tal-Komunità kienet nuqqas ta' provvista ta' materja prima (jiġifieri frott taċ-ċitru żgħir u frisk) fis-suq tal-UE. Madankollu, meta bbażat ruħha fuq l-investigazzjoni tas-suq tal-UE fil-frott taċ-ċitru żgħir u frisk, il-Kummissjoni ddeterminat li kien hemm provvista xierqa biex tintlaħaq id-domanda mill-industrja ta' l-iproċessar.
- (83) Lista A turi produzzjoni attwali ta' frott taċ-ċitru żgħir u frisk (klementini, mandolin u satsuma) fis-snin 1998 sa l-2002.

#### Lista A

Year Sena	1998	1999	2000	2001	2002
Produzzjoni	2 329 341	2 823 106	2 511 550	2 379 634	2 650 000

Egħjun: CLAM

### 7.1.6. Domanda għal frott taċ-ċitru żgħir u frisk mill-industrija ta' l-iproċessar

- (84) Il-kwantità ta' klementini u satsuma użati mill-industrija ta' l-iproċessar għal produzzjoni ta' mandolin tal-bott minn l-1998/99 sa l-2002/03 hija hekk kif murija flista B.

Lista B

Staġun	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Satsuma u klementini	120 000	110 000	95 000	95 000	60 000

- (85) Kif il-listi A u B juru, il-provvista ta' frott taċ-ċitru żgħir u frisk fis-suq tal-UE kienet bil-wisq ikbar mid-domanda ta' l-industrija ta' l-iproċessar.
- (86) Madankollu, l-industrija ta' l-iproċessar qiegħda fil-kompetizzjoni ma' xerrejja oħra ta' satsuma u klementini friski u l-kapaċità tagħha biex tikkompeti tidher li hija ostakolata bil-waqgħa fil-prezzijiet miksuba għal prodott simili. Il-prezz ta' mandolin frisk għall-iproċessar huwa stabbilit permezz ta' kuntratti ta' kull sena bejn dawk li jibbottiljaw u l-bdiewa, li jkunu mifthiema fil-bidu ta' l-istaġun. Lista Ċ turi l-prezz miksub mill-produtturi għal mandolin mibjugħ bħala prodott frisk u għall-bottljar.

Lista Ċ

Staġun	1998/99	1999/2000	2000/01	2001/02	2002/03
Frisk (EUR/tunnellata metrika)	547	498	571	557	527
Għall-bottljar (EUR/tunnellata metrika)	256	255	313	245	172

- (87) Id-differenza fil-prezz tirrifletti żewġ fatturi. L-ewwel, li l-produtturi tal-Komunità qegħdin isiru inqas kapaċi li jifilħu jixtru l-materja prima (satsuma u klementini friski) bi prezz li jħallihom jiksbu livell raġonevoli ta' profitt. It-tieni, minħabba l-prezzijiet baxxi offruti mill-produtturi tal-Komunità lil dawk li jkabbru s-satsuma, li huma użati l-iktar bħala materja prima għall-bottljar, dawn li jkabbruhom qegħdin jerġgħu jorjentaw il-produzzjoni tagħhom minn satsuma għal klementini bl-isforz sabiex iżidu l-profitt fil-produzzjoni tagħhom. Madankollu, dak il-proċess għadu ma jidherx li huwa avvanzat biżżejjed biex ikollu effett li jinħass fuq id-disponibilità tal-provvista għall-produtturi tal-Komunità.
- (88) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tistabbilixxi li n-nuqqas ta' provvista ma kkontribwitx għal ħsara sofferta mill-produtturi tal-Komunità.

### 7.1.7. Fatturi oħra

- (89) L-ebda fattur ta' kawżazzjoni (ħlief dawk diskussi hawn fuq fpartijiet 7.1.1 sa 7.1.6) ma kien identifikat mis-servizzi tal-Kummissjoni jew imqajma minn xi parti interessata matul l-investigazzjoni definittiva.

## 7.2. ATTRIBUZZJONI TA' EFFETTI TA' ĦSARA

- (90) Il-ħsara serja sofferta mill-produtturi tal-Komunità ħadet l-iktar is-sura ta' tnaqqis fil-volum tal-bejgħ, tnaqqis tal-prezzijiet ta' unità u profitti li marru għall-aġhar u telf finanzjarju. Il-Kummissjoni identifikat tliet fatturi li taw il-kontribut tagħhom għall-ħsara, apparti ż-żieda fl-importazzjoni: tnaqqis fil-konsum, tnaqqis fl-esportazzjonijiet u żieda fil-kapaċità.

- (91) L-ewwelnett, kien hemm tnaqqis fil-konsum bejn l-1998/99 u l-2000/01 wara liema kien hemm żieda fil-konsum fl-2001/02, li kienet segwita b'waqgħa oħra fil-perjodu l-iktar riċenti. Madankollu, l-iżvilupp f-importazzjonijiet ma mexiex fuq l-istess mudell affattu u l-Kummissjoni taħseb li n-nuqqas fil-konsum bejn l-1998/99 u l-2000/01 ma lagħabx rwol sinifikanti la fil-volum u lanqas fil-prezzijiet. Il-waqgħa fil-konsum fl-2002/03 ħabtet ma' waqgħa fil-volumi tal-bejgħ, prezzijiet u profitt għall-produtturi tal-Komunità u l-Kummissjoni tikkonkludi li dik il-waqgħa kienet fattur li ta l-kontribut tiegħu fil-ħsara serja sofferta mill-produtturi tal-Komunità.
- (92) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll it-tnaqqis fl-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Komunità matul il-perjodu ta' ħames snin. Kien hemm tnaqqis matul il-parti tal-bidu tal-perjodu ta' ħames snin. Madankollu, fl-aħħar parti tal-perjodu, meta seħħet il-ħsara serja, l-esportazzjonijiet żdiedu qabel ma reġgħu waqgħu daqsxejn. Għaldaqstant, l-iżvilupp fl-esportazzjonijiet kellu impatt sinifikament iżgħar fuq il-produtturi tal-Komunità fil-perjodi 2001/02 u 2002/03 milli ż-żieda fl-importazzjonijiet.
- (93) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll iż-żieda fil-kapaċità li seżżet fl-1999/2000 u li mbagħad baqgħet miżmuma. L-ispiża ta' din il-kapaċità miżjuda ta' kull sena ma kienet sinifikanti.
- (94) Il-Kummissjoni nnotat li, wara li kienet ċerta li l-effetti ta' fatturi oħra m'humix attribwiti ma' importazzjonijiet li żdiedu, hemm rabta kawżali ġenwina u sostanzjali bejn it-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità, prezzijiet u profitt tal-bejgħ u ż-żieda fl-importazzjonijiet, li mhux biss żdiedu b'rata ħafna iktar mgħaġġla miż-żieda fil-konsum bejn l-2000/01 u l-2001/02, imma żdiedu filwaqt li l-konsum waqgħa mill-1998/99 sa l-2000/01 u fl-2002/03.

### 7.2.1. Konklużjoni

- (95) Wara li kienu eżaminati l-effetti ta' ħsara tal-fatturi l-oħra li kienu magħrufa, u kienu separati u saritilhom distinzjoni minn wieħed għall-ieħor u mill-effetti ta' ħsara ta' l-importazzjonijiet li żdiedu, u wara li kien sġurat li ħsara kkaġunata minn fatturi oħra mhiex attribwita ma' l-importazzjonijiet, il-Kummissjoni laqgħet il-konklużjoni li hemm rabta ġenwina u sostanzjali bejn importazzjonijiet li żdiedu u ħsara serja lill-produtturi tal-Komunità.

## 8. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

### 8.1. RIMARKI PRELIMINARI

- (96) L-għan ta' miżuri ta' salvagwardja huwa biex tkun rimedjata ħsara serja u ma titħallix issir iktar deterjorizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat. Barra żviluppi imprevvisti, importazzjonijiet li żdiedu, ħsara serja u kawżazzjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk jeżistux xi raġunijiet ekonomiċi u kompulsivi li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhux fi-interess tal-Komunità li jkunu imposti miżuri definittivi. Għal dan il-għan, l-impatt tal-miżuri fuq il-partijiet kollha involuti fil-proċeduri u l-konsegwenzi li x'aktarx iseħħu jekk jittieħdu jew ma jittieħdux miżuri kienu meqjusin fuq il-bażi tax-xhieda disponibbli.

### 8.2. INTERESS TAL-PRODUTTURI TAL-KOMUNITÀ

- (97) Il-produtturi tal-Komunità investew bil-kbir u għandhom l-iktar sistemi ta' produzzjoni mekkanizzati u awtomatiċi fid-dinja. Huma vijabbli u kompetittivi f'kondizzjonijiet normali tas-suq. Matul il-perjodu eżaminat, il-produtturi tal-Komunità soffrew waqgħa sinifikanti fil-produzzjoni u l-bejgħ li b'riżultat ta' dan issa ma jistgħux jibqgħu joperaw bi profitt. Il-posizzjoni tal-produtturi tal-Komunità ħa tibqa' tkun ipperikolata jekk il-livell oġġli ta' l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi li hemm bħalissa ikompli.



- (98) L-imposizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi ħa jipprovdu il-produtturi tal-Komunità b'opportunità li jirristrutturaw u għalhekk jisguraw vijabilità għal żmien temporanju tal-produzzjoni tagħhom tal-prodott ikkonċernat u tan-negozji tagħhom b'mod ġenerali. Din tipprovidilhom biżżejjed spazju biex jirristrutturaw u jibbenefikaw minn infiq ikbar fuq riċerka u żvilupp bil-għan li jnaqqsu iktar l-ispejjeż tal-produzzjoni. Pjanijiet għal konsolidazzjoni huma diġà avvanzati sew fis-settur imma ħa jkollu bilfors jgħaddi ż-żmien biex titwettagħ konsolidazzjoni u biex il-vantaġġi tagħha jibdedw iħallu l-effett. Barra dan, numru ta' inizzjattivi li jiffrankaw l-ispejjeż kienu identifikati li jinkludu iktar koperazzjoni bejn il-produtturi tal-Komunità fix-xiri ta' materja prima li mhiex frott frisk fih innifsu (li huwa diġà suġġettati għal arranġamenti ta' xiri konġunt).

### 8.3. INTERESSI TA' PRODUTTURI TA' FROTT TAĊ-ĊITRU FRISK U ŻĠĦIR FIL-KOMUNITÀ

- (99) Huwa fl-interess ta' produtturi ta' frott frisk li jfornu materja prima lill-produtturi tal-Komunità li jkollhom domanda b'saħħitha u li tista' tingħad minn qabel għall-prodott tagħhom għal prezz li fuqu jistgħu jagħmlu profitt raġonevoli. Jidher li wieħed mill-effetti tal-livell oġhli ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi tal-prodott ikkonċernat huwa li jniżżlu l-prezz tal-materja prima (frott taċ-ċitru frisk u żġħir, speċjalment satsumi) fis-suq tal-UE. Għalhekk, huwa fl-interessi tal-produtturi ta' frott frisk biex jittieħdu miżuri biex jitnaqqas li-volum ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi tal-prodott ikkonċernat lejn l-UE.

### 8.4. INTERESS TA' UTENTI U IMPORTATURI FIL-KOMUNITÀ

- (100) Sabiex ikun valutat l-impatt ta' miżuri fuq impurtaturi u utenti, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-impurtaturi u utenti tal-prodott ikkonċernat li kienu magħrufa fis-suq tal-Komunità. Risposti kienu rċevuti mingħand disa' impurtaturi, imma ma ġie rċevut xejn mingħand l-utenti minbarra dawk relatati ma' l-impurtaturi.
- (101) Xi wħud mill-importaturi tal-prodott ikkonċernat saħħqu li l-imposizzjoni ta' miżuri ma kienx meħtieġ minħabba li l-problemi li għaddew minnhom il-produtturi tal-Komunità kienu kkaġunati minn prezzijiet għoljin u nuqqas ta' provvista ta' mandolin frisk għall-bottiljar fil-Komunità iktar milli żieda fl-importazzjonijiet. Madankollu, kien innotat li, sat-tmiem ta' l-2001/02, is-sena meta l-importazzjonijiet zdieđu għal 44 804 tunnellati metriċi u l-bejgħ tal-UE tal-produtturi tal-Komunità waqgħa għal 36 156 tunnellati metriċi, il-ħażniet tal-produtturi tal-Komunità kienu zdieđu b'6 074 tunnellati metriċi għal 17 279 tunnellati metriċi. Dan jidher li juri li l-waqgħa fil-bejgħ sofferta mill-produtturi tal-Komunità ma kienx ikkaġunata b'nuqqas ta' kapaċità li jfornu minn naħa tagħhom, imma minħabba xi fattur ieħor, u l-iktar spjegazzjoni probabbli tidher li hi d-dominanza li dejjem qed tikber ta' importazzjoniet li zdieđu bi prezzijiet baxxi.
- (102) L-importaturi qalu wkoll li kien aħjar li jżommu egħjuni ta' provvisti differenti u li, jekk miżuri jkunu meħuda, dawk il-miżuri m'għandhomx ikunu fil-forma ta' sistema ta' prezz minimu jew allokazzjoni ta' kwota fuq bażi li ta' l-ewwel jinqeda l-ewwel, għaliex jekk wieħed jagħmel hekk ikun qiegħed jisfratta iktar is-suq. B'mod partikolari, sistema li ta' l-ewwel jinqeda l-ewwel tkun tinkoraġġixxi importazzjonijiet fl-ewwel parti tas-sena sakemm il-kwota tkun utilizzata meta d-domanda ssir imbagħad provvista domestika. Barra dan, għamlu enfażi fuq il-ħtieġa li l-kummerċjanti fis-swieq Ewropej prinċipali u konsumaturi jkomplu jkollhom aċċess għal prodotti ta' kwalità tajba bi prezzijiet baxxi.
- (103) Il-miżuri definittivi jikkonsistu fi kwota ta' tariffa li tirrifletti il-livell tradizzjonali ta' l-importazzjonijiet. Għalhekk, żvantaġġi li x'aktarx isofru utenti u importaturi, jekk isofruhom, m'humix meqjusin b'tali mod li jkunu akbar mill-benefiċċji li jkunu mistennija li jkunu miżjuda lill-produtturi tal-Komunità bħala konsegwenza tal-miżuri, li huma meqjusa l-minimu neċessarju biex ma titħallix issir iktar deterjorizzazzjoni lis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Komunità.

## 8.5. INTERESS TA' KONSUMATURI FIL-KOMMUNITÀ

- (104) Peress li l-prodott ikkonċernat huwa prodott tal-konsumatur, il-Kummissjoni informat organizzazzjonijiet tal-konsumatur varji bil-ftuħ ta' l-investigazzjoni. L-ebda risposti ma kienu rċevuti minn organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-impatt fuq il-konsumaturi huwa għalhekk ikkunsidrat li hu minimu.

## 9. TKABBIR TA' L-UE

## 9.1. IMPORTAZZJONIJET LEJN PAJJIŻI TA' ADEŻJONI

- (105) Peress li l-miżuri li ħa jkollhom effett wara t-tkabbir tal-UE, skedati li ħa jseħħu fl-1 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll iż-żieda fl-importazzjonijiet (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi) minħabba li tikkonċerna l-UE-25.

	2000	2001	2002	2003
Importazzjonijiet ta' pajjiżi ta' adeżjoni minn barra l-UE-25	2 562	4 268	5 350	6 528
Importazzjonijiet ta' pajjiżi ta' adeżjoni minn l-UE-15	1 964	1 014	1 472	1 500 (*)
Total	4 527	5 283	6 821	8 028

(\*) Stima.

- (106) Importazzjonijiet lejn il-pajjiżi ta' adeżjoni minn barra l-UE-25 żdied b'67 % minn 2 562 tonnelli metriċi fl-2000 għal 4 268 tonnelli metriċi fl-2001, u komplew jżiedu għal 5 350 tonnelli metriċi (żieda iktar ta' 25 %) fl-2002. Fl-2003, dawn l-importazzjonijiet żdiedu bi 22 % iktar għal 6 528 tonnelli metriċi.
- (107) Sabiex wieħed jikkunsidra x'setgħet kienet iż-żieda probabbli fl-importazzjonijiet lejn l-UE-25 fi snin riċenti, huwa meħtieġ li wieħed iżid importazzjonijiet lejn l-UE flimkien ma' importazzjonijiet minn pajjiżi ta' adeżjoni minn barra l-UE-25.

	2000	2001	2002	2003
Importazzjonijiet tal-UE (*)	17 573	20 335	44 804	44 813
Importazzjonijiet ta' pajjiżi ta' adeżjoni minn barra l-UE-25	2 562	4 268	5 350	6 528
Total	20 135	24 603	50 154	51 341

(\*) L-informazzjoni hija għall-istaġuni tal-bottiljar — minn l-1 ta' Ottubru ta' sena waħda sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara.

- (108) Fuq din il-bażi, importazzjonijiet totali għall-UE-25 jkunu żdiedu bi 22 % minn 20 135 għal 24 603 tonnelli metriċi bejn l-2000 u l-2001, u imbagħad b'104 % għal 50 154 tonnelli metriċi bejn l-2001 u l-2002. Importazzjonijiet ikunu komplew imbagħad f'dan il-livell għoli fl-2003, u veru kieku jkun hemm żieda ta' 2 % għal 51 341 tonnelli metriċi.

- (109) M'hemmx produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiżi ta' adeżjoni, u kif kien notat hawn fuq, importazzjonijiet lejn l-UE-25 żviluppaw b'mod simili għall-importazzjonijiet lejn l-UE-15. Għalhekk, huwa kkunsidrat li l-analiżi ta' ħsara serja u kawżazzjoni għall-UE-15 tibqa' valida għall-UE-25.
- (110) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-kwistjoni ta' l-interess tal-Komunità kif hi konnessa mal-UE-25. M'hemm l-ebda produzzjoni tal-materja prima jew tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiżi ta' adeżjoni. Madankollu, hemm importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għal pajjiżi ta' adeżjoni li jirrapreżentaw madwar 12 % tat-total ta' l-importazzjonijiet għal UE-25. L-interessi ta' importaturi, utenti u konsumaturi fil-pajjiżi ta' adeżjoni huma dawk ta' importaturi/utenti u konsumaturi u ma jmorrux lil hinn minn dawk ta' importaturi/utenti u konsumaturi fl-UE-15, li jirrapreżentaw numri bil-wisq ikbar. L-interessi ta' importaturi/utenti u konsumaturi fl-UE-15 huma identiċi għal u jirrapreżentaw b'mod sħiħ dawk tal-UE-25. Għalhekk, huwa meġus li l-analiżi ta' ħsara serja u kawżazzjoni għall-UE-15 jibqgħu validi għall-UE-25.
- (111) Kull parti interessata li tqis li, wara t-tkabbir tal-UE t-tkomplija tal-miżuri fil-forma tagħhom preżenti mhiex ġustifikata f'relazzjoni mal-UE-25, hija mistiedna tagħmel rappreżentazzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-15 ta' Mejju 2004, tistabbilixxi raġunijiet dettaljati dwar il-ġhalieħ il-Kummissjoni m'għandiex tagħti lok għal reviżjoni tal-miżuri.

## 10. KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

- (112) Minħabba l-importazzjonijiet li żdiedu tal-prodott ikkonċernat (kif deskritt fil-premessi 24 sa 27) is-suq tal-Komunità fil-prodott ikkonċernat, peress li huwa wieżed mill-prodotti imniżżel fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti mill-frott u l-ħaxix ta' l-ikel proċessati<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat b'Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2004<sup>(2)</sup>, huwa affetwat b'ostakli serji li x'aktarx jipperikolaw il-kisba tal-ġhanijiet stabbiliti fl-Artikolu 33 tat-Trattat. Il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, jekk japplikaw, huma ħalhekk sodisfatti.

## 11. KONSIDERAZZJONIJIET TA' L-AĦĦAR

- (113) L-analiżi tal-Kummissjoni tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni juru li l-kondizzjonijiet għal miżuri ta' salvagwardja huma sodisfatti.

### 11.1. FORMA U LIVELL TA' MIŻURI

- (114) Sabiex is-suq tal-Komunità jinżamm miftuħ u tkun sġurata d-disponibbiltà ta' provvista xierqa li tissodisfa d-domanda, huwa xieraq li kun stabbilita sistema ta' kwoti ta' tariffi li jkunu iktar minn taxxa miżjuda li jkun meħtieġ li titħallas sabiex anki l-importazzjonijiet li jkunu iktar mil-kwoti tat-tariffi jistgħu jidħlu fil-Komunità, għalkemm ladarba jsir ħlas ta' taxxa miżjuda. Dik it-taxxa miżjuda għandha tkun stabbilita f'livell li huwa konsistenti ma' l-għan li ma titħallix issir ħsara lill-produtturi tal-Komunità. F'dan is-sens, huwa nnotat li t-taxxa miżjuda stabbilita taħt il-miżuri provviżorji ta' salvagwardja (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2003) kienu pruvati li ma kienux xierqa biex jitnaqqas il-livell ta' l-importazzjonijiet fiż-żmien qasir. Tassew, fil-perjodu meta l-miżuri provviżorji kienu japplikaw, 9 ta' Novembru 2003 sa l-10 ta' April 2004, importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat komplew jiżdiedu u prezzijiet komplew jonqsu. Taħt il-miżuri provviżorji, ir-rata ta' taxxa miżjuda kienet stabbilita għal EUR 155 għal kull tunnellata metrika. Bħala riżultat parzjali tal-eura li ssaħħet, huwa ċar li din ir-rata kienet assorbita minn tnaqqis fil-prezz medju mitlub minn produtturi li esportaw fil-PRC. Għalhekk, sabiex jintlaħaq l-effett mixtieq, ir-rata ta' taxxa miżjuda għandha tkun ikbar minn EUR 155 għal kull tunnellata metrika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, 21.11.96, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 64, 02.03.04, p. 25.

- (115) Il-livell ta' taxa miżjuda kien ikkalkulat fuq il-bażi ta' prezz li kien maħsub biex jintlaħaq fliema il-produtturi tal-Komunità kienu jiksbu profitt ta' 6,8 % fuq il-valur tal-bejgħ, irranġat biex jieħu fil-kunsiderazzjoni l-ispejjeż tat-trasport biex ikun sġurat paragon addattat ma' l-importazzjonijiet imwassa lil parti ġeografika prinċipali għal konsum. Dan l-ammont imbagħad kien ipparagunat mal-prezz medju ta' l-importazzjoni fil-perjodu April 2003 sa Diċembru 2003 fuq l-istess livell ta' kummerċ, irranġat għal cif fruntiera tal-Komunità, dwana, spejjeż ta' wara l-importazzjoni u bil-profitt tal-importaturi miżjud. Il-livell ta' profitt imsemmi hawn fuq kien ibbażat fuq valutazzjoni ta' profitti attwali miksuba mill-produtturi tal-Komunità fil-perjodu 1998/99 sa 2001/02. Il-livell tal-bejgħ taħt il-prezz mistħoqq kien ikkalkulat fuq 57,9 % tal-prezz cif ta' l-importazzjoni. F'termini ta' taxa fissa, it-taxxa dovuta għalhekk għandha tkun EUR 301 għal kull tunnellata metrika. Meta wieħed iqis l-effett rikonoxxut ta' tibdil maġġuri fis-saħħa ta' l-euro b'mod relattiv mal-wan Ċiniż fuq il-prezz tal-importazzjonijiet, fl-eventwalità li iktar 'il quddiem l-euro taqa' b'mod relattiv mal-wan li taffettwa l-prezzijiet b'mod sinnifikanti, il-livell ta' taxa jista' jkun revedut.
- (116) Sabiex jinżamm aċċess għas-suq tal-Komunità, il-kwoti tat-tariffi għandhom ikunu ibbażati fuq il-volum ta' l-importazzjonijiet matul il-perjodu riċenti. Il-perjodu ta' tliet snin l-iktar riċenti għal liema statistiċi ta' importazzjoni huma disponibbli huwa dak ta' l-1999/2000 sa l-2001/02 (2002/03 mhux meqjus rappreżentattiv minħabba li l-proċeduri ta' salvagwardja bdew matul dak il-perjodu). Il-kwoti ta' tariffi għandhom għalhekk ikunu ibbażati fuq il-volum medju impurtat f'dawn is-snin (27 570 tunnellati metriċi għall-UE-15). Meta wieħed iqis iż-żieda sinnifikanti ta' ħażniet minn xi wħud mill-impurtaturi u l-livell għoli kontinwu ta' importazzjonijiet l-iktar riċenti, huwa meqjus lid an huwa l-volum massimu li għandu jkun impurtat mingħajr taxa miżjuda. Huwa meqjus li dan il-volum huwa tali li jħalli l-produtturi tal-Komunità jkomplu jirranġaw filwaqt jevitaw iktar deterjorizzazzjoni fis-sitwazzjoni tagħhom.
- (117) Il-Kummissjoni innotat li l-ammonti tal-kwoti ta' tariffi se jeħtieġu li jkunu reveduti fid-dawl tat-tkabbir li huwa skedat għall-1 ta' Mejju 2004. L-ammont tal-kwoti ta' tariffi għall-ewwel perjodu (27 570 tunnellati metriċi għall-UE-15) għandu għalhekk jiżdied bil-kwantità medja ta' importazzjoni per annum minn pajjiżi li mhumiex fl-UE għall-pajjiżi ta' aċċess fis-snin 2000 sa l-2002. Dan il-livell medju jammonta għal 4 060 tunnellati metriċi. Għaldaqstant, il-kwota ta' tariffa ta' l-UE-25 għall-ewwel perjodu għandha tkun 31 630 tunnellati metriċi. Minħabba li l-perjodu ta' l-aħħar huwa biss 212-il jum, il-kwota attwali ta' l-importazzjonijiet għal perjodu ta' l-aħħar għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.
- (118) Sabiex tkun preservata il-fluss tradizzjonali tal-kummerċ filwaqt li jkun sġurat li s-suq tal-Komunità jibqa' miftuħ għal pajjiżi ġodda li jistgħu jagħmlu provista, l-ammont tal-kwoti ta' tariffa għandhom ikunu maqsuma bejn il-pajjiżi li għandhom interess sostanzjali fli jfornu l-prodott ikkonċernat lis-suq tal-Komunità, u parti għandha tkun riżervata għal dawk il-pajjiżi li bħalissa m'għandhomx tali interess sostanzjali. Wara konsultazzjoni mal-PRC, l-uniku pajjiż li għandu tali interess sostanzjali, il-Kummissjoni tikkunsidra xieraq li tagħti kwota ta' tariffa speċifika lil PRC bbażata fuq il-proporzjonijiet tal-kwantità totali tal-prodott provdut minn dak il-pajjiż matul il-perjodu ta' tliet snin 1999/2000 sa l-2001/02. Il-maġġoranza vasta ta' l-importazzjonijiet f'dan il-perjodu oriġinat fil-PRC u għalhekk kwota ta' tariffa speċifika ta' pajjiż għandha tapplika għal PRC u waħda għall-pajjiżi l-oħra kollha.
- (119) Fuq il-bażi proposta, l-ammont tal-kwota tal-bidu assenjat lil PRC għall-UE-25 ikun 30 843 tunnellati metriċi għal perjodu ta' sena, filwaqt li l-ammont assenjat lill-pajjiżi l-oħra kollha jkun 787 tunnellati metriċi. Jitqies li jekk dan isir, il-kwota assenjata lill-pajjiżi l-oħra kollha tkun wisq żgħira biex tagħti lok għal kompetizzjoni jew biex tħalli persuni ġodda jippenetraw is-suq. Huwa mixtieġ li pajjiż/i oħra li mhumiex PRC għandhom ukoll ikollhom l-opportunità li jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità. Il-kwota assenjata lill-pajjiżi l-oħra kollha għandha għalhekk tkun miżjuda bi 3 % tal-livell medju tal-konsum tal-Komunità matul il-perjodu li qiegħed ikun ikkunsidrat (jew 2 314 tunnellati metriċi għal sena waħda), li jrendi bażi ġenerali għall-kwoti ta' tariffa ta' 33 157 tunnellati metriċi.

- (120) Minħabba l-obligazzjoni li jkunu liberalizzati l-miżuri, l-ammont ġenerali ta' kull sena tal-kwoti ta' tariffa għandu jiżdied b'5 % f'kull wieħed minn dawn il-perjodi li ġejjin, jiġifieri għal 34 815 tunnellati metriċi għall-perjodu sa l-10 ta' April 2006, għal 36 556 tunnellati metriċi għall-perjodu sa l-10 ta' April 2007, u 22 294 għall-perjodu sa t-8 ta' Novembru 2007 (212-il jum). Il-Kummissjoni se twettaq revizzjoni f'nofs il-perjodu skond l-Artikolu 21 ta' Regolament (KE) Nru 3285/94 biex teżamina l-effetti tal-miżura, tiddetermina jekk u b'liema mod huwa xieraq li taċċellera l-pass tal-liberalizzazzjoni, u biex taċċerta ruħha jekk l-applikazzjoni tal-miżura għadiex meħtieġa. Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu, il-Kummissjoni se tikkunsidra ukoll il-passi meħuda mill-produtturi tal-Komunità fis-sens ta' ristrutturazzjoni.
- (121) B'mod konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità u l-obbligazzjonijiet internazzjonali tal-Komunità, il-miżuri ta' salvagwardja m'għandhomx japplikaw għal xi prodott li joriġina f'pajjiż li għadu qed jiżviluppa sakemm is-sehem tiegħu ta' l-importazzjonijiet ta' dak il-prodott fil-Komunità ma jkunx iktar minn 3 %. L-uniku pajjiż li qed jiżviluppa li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet biex ikun jista' jibbenifika minn din id-deroga huwa PRC. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li fihom il-miżuri definittivi ma japplikawx għandhom għalhekk ikunu speċifiki u dan sar fl-Anness 2.

#### 11.2. AMMINISTRAZZJONI TAL-KWOTA TA' TARIFFA

- (122) Qabel l-imposizzjoni ta' miżuri, ċerti importaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom talbu li sistema tkun introdotta li tkun tħalli importaturi li s-soltu jimportaw il-prodott ikkonċernat minn PRC li jkollhom kwantitajiet garantiti bbażati fuq il-livell ta' importazzjonijiet minn PRC li kellhom is-soltu. Importaturi oħra saħħqu li kull sistema ta' kwoti għandha titħaddem fuq il-bażi li ta' l-ewwel jinqeda l-ewwel sabiex ikun evitat piż amministrattiv li mhux meħtieġ u biex tinżamm il-kompetizzjoni.
- (123) Sabiex tinkiseb informazzjoni meħtieġa biex ikun stabbilit il-metodu xieraq biex ikunu amministrati l-kwoti, il-Kummissjoni pubblikat avviż fit-2 ta' Ottubru 2003 <sup>(1)</sup>. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija, f'kull wieħed mill-istaġuni tal-bottiljar 1999/2000, 2000/01 u 2001/02, il-maġġoranza vasta ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat (iktar minn 90 %) kienu importati minn numru żgħir ta' importaturi li importaw medja ta' 500 tunnellati metriċi jew iktar għal kull staġun tal-bottiljar (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħin importaturi tradizzjonali). Il-bqija kienu importati minn importaturi oħra li mhumiex importaturi tradizzjonali (hawnhekk iżjed il quddiem msejħin importaturi oħra).
- (124) Filwaqt li xi importaturi saħħqu li l-limitu għal importaturi tradizzjonali għandu jkun iktar baxx (eż. 300 tunnellata metrika jew inqas), fl-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji nstab li kien hemm numru kbir ta' importaturi li xtaqu jimportaw kwantitajiet iżgħar. Għalhekk, l-interessi ta' importaturi ta' kwantitajiet iżgħar b'mod ġenerali huma moqdiya aħjar billi jiżdied is-sehem tal-kwota ta' tariffa disponibbli lill-importaturi li mhumiex tradizzjonali milli jonqos il-limitu biex tikkwalifika bħala importatur tradizzjonali.
- (125) Wara li kienet eżaminata t-talba fid-dawl ta' esperjenza miksuba matul l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji, il-Kummissjoni nnotat dan li ġej:
- mingħajr sistema ta' liċenzi garantiti, il-prezz tal-prodott importat minn PRC x'aktarx joġhla drastikament fil-parti tal-bidu tal-perjodu tal-kwota ta' tariffa, u wara jista' jaqa' meta importaturi jilhqqu jew jaqbżu l-livell ta' importazzjonijiet meħtieġ biex jaderixxu ma' l-ordnijiet tagħhom (effetti konġunturali). L-effetti konġunturali ta' l-allokazzjoni tal-kwoti ta' tariffi fuq bażi li ta' l-ewwel jinqeda l-ewwel qed jirriskjaw li jkunu ta' ħsara għall-produtturi tal-Komunità peress li d-domanda tkun iffokata fuq importazzjonijiet minn PRC fil-parti tal-bidu ta' l-istaġun tal-bottiljar u se jittrasferixxu biss lill-produtturi tal-Komunità wara li l-kwota ta' tariffa tkun eżawrita. Din qed turriskja li tnaqqas il-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità fil-parti tal-bidu ta' l-istaġun tal-bottiljar, u dawn ibatu wkoll minn nuqqas ta' ċertezza maħluqa minn oxxillazzjoni gravi fil-prezz. Li kieku dan iseħħ, jipperrikola l-ksib tal-għan insegwit biex ikunu stabbiliti l-miżuri definittivi,

(<sup>1</sup>) ĠU C 236, 02.10.03, p. 30.

- huwa fl-interess ta' importaturi preżenti li s-soltu jimportaw kwantitajiet sostanzjali tal-prodott ikkonċernat minn PRC li jsir provvediment biex ikun żgurat li flussi ta' kummerċ tradizzjonali huma preservati u li jkomplu jkunu kapaċi jimportaw ċertu kwantità tal-prodott ikkonċernat minn PRC ħieles minn taxxa miżjuda. Huwa wkoll fl-interess ta' l-importaturi l-ġodda li jkollhom xi tip ta' opportunità li jimportaw l-prodott ikkonċernat minn PRC ħieles minn taxxa miżjuda,
  - huwa fl-interess ta' bejjieġha bl-imnut u konsumaturi li għandu jkompli jkun hemm provvista xierqa tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Komunità u li l-prezz tas-suq għandu jsir stabbli,
  - il-forma tal-miżuri definittivi għandha tkun tali li tikseb l-għan tagħhom filwaqt li timminimalizza d-diżordni tas-suq mhux meħtieġa fil-forma ta' oxxillazzjoni gravi fil-prezz u effetti negattivi fuq il-produtturi tal-Komunità, kif ukoll tispjega l-inqas tgħabija amministrattiva fuq l-importaturi. F'dan il-qasam, huwa nnotat li matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri provviżorji, importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-fatt żdiedu filwaqt li l-prezz bl-imnut, li żamm għallinqas wieħed mill-entità maġġuri involuta, naqas b'17 %,
    - il-miżuri għandhom ikunu f'tali forma li jinkoraġġixxu kompetizzjoni bejn l-importaturi fi grad li dejjem jiżdied u li jispjega li importaturi ġodda li mhumiex tradizzjonali jkollhom opportunità li jissieħbu fis-suq.
- (126) Wara li dawn il-konsiderazzjonijiet kienu kkunsidrati, il-Kummissjoni tqies li ma jkunx xieraq li l-kwota tar-rata ta' tariffa tkun amministrata buq bażi li ta' l-ewwel jinqeda l-ewwel. Minnflok, dawk l-operaturi ekonomiċi li s-soltu jimportaw kwantità sostanzjali tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità jew pajjiżi ta' adeżjoni (importaturi tradizzjonali) għandu jkollhom l-opportunità biex japplikaw għal liċenza biex jimportaw kwantità tal-prodott ikkonċernat ħieles minn taxxa miżjuda, ibbażat fuq il-livell tradizzjonali tagħhom ta' importazzjonijiet mill-PRC. Fl-istess ħin, importaturi oħra li jixtiequ jimportaw il-prodott ikkonċernat fil-Komunità mill-PRC, imma li ma jissodisfawx din il-kriterja (importaturi oħra) għandhom ikollhom l-opportunità li japplikaw għal liċenza biex jimportaw kwantità tal-prodott ikkonċernat ħieles minn taxxa miżjuda.
- (127) Għalhekk, sistema ta' liċenzi tista' tkun stabbilita fejn id-dritt li timporta l-prodott ikkonċernat ħieles minn taxxa għandu jkollu preżentata liċenza ta' importazzjoni. Ir-regoli dettaljati għal dik is-sistema għandhom ikunu komplimentari għal, jew jidderogaw minn, dawk imniżżla b'Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1291/2000 ta' d-9 ta' Ġunju 2000 li jsemmi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u ċertifikati li jiffissaw avvanzati għal prodotti ta' l-agrikoltura <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 322/2004 <sup>(2)</sup>.
- (128) Sabiex is-sistema taħdem b'mod effettiv, id-dritt biex tapplika għal liċenza għandu jkun restritt għal operaturi, persuni naturali jew ġuridiċi, individwi jew gruppi li għandhom esperjenza riċenti li jimportaw fil-Komunità jew pajjiżi ta' adeżjoni. Miżuri huma wkoll meħtieġa biex iżommu minimu ta' applikazzjonijiet spekulattivi għal liċenzi ta' importazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw fil-kwoti ta' tariffi li mhumiex utilizzati fis-siġħ. Għalhekk, sabiex jikkwalifikaw biex japplikaw għal liċenza, importaturi għandhom ikunu mportaw riċentement fil-Komunità kwantità minima raġonevoli tal-prodotti simili. Meta wieħed iqis in-natura u l-valur tal-prodott ikkonċernat, huwa kkunsidrat raġonevoli li sabiex tikkwalifika biex tapplika għal liċenza, importaturi jridu ta' l-inqas ikunu importaw 50 tunnellati metriċi ta' prodotti ta' frott u ħaxix ipproċessat kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta' Regolament (KE) Nru 2201/96 f'wieħed jew iktar minn l-aħħar tliet staġuni ta' bottiljar (2000/01, 2001/02 u 2002/03 għal l-ewwel perjodu tal-miżuri definittivi (11 ta' April 2004 sa l-10 ta' April 2005). Għandu jsir provvediment ieħor biex jintalab il-ħlas ta' titolu ta' sigurtà fil-kas ta' kull tunnellata metrika tal-prodott ikkonċernat għal liema applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni hija magħmula. Dak it-titolu ta' sigurtà għandu jkun fl-livell ogħli biżżejjed biex jiskoraġġixxi applikazzjonijiet spekulattivi imma mhux ogħli tant li jiskoraġġixxi dawk imqabba biex jaħdmu l-attività kummerċjali ġenwina relatata ma' prodotti ta' frott u ħaxix ipproċessati. Huwa meqjus li titolu ta' sigurtà ugwali għal madwar 20 % tal-valur tal-prodott ikkonċernat importat huwa raġonevoli f'dan il-kuntest.

<sup>(1)</sup> ĠU L 152, 24.06.00, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 58, 26.02.04, p. 3.

- (129) Fil-miżuri provviżorji, importaturi tradizzjonali rċevew 85 % tal-kwota ta' tariffa (23 435 tunnellata metrika fuq bażi ta' kull sena), filwaqt li importaturi oħra rċevew 15 % (4 135 tunnellata metrika fuq bażi ta' kull sena). Il-miżuri għandhom ikunu tali li jippreservaw il-posizzjoni ta' importaturi tradizzjonali, filwaqt li fl-istess ħin iżommu il-kompetizzjoni u jipprovdu aċċess għas-suq għal importaturi oħra. Hemm numru sinifikanti ta' importaturi li fil-passat kemm-il darba importaw satsuma tal-bott mill-PRC imma li ma jlaħħqux il-limitu tal-500 tunnellata metrika sabiex ikunu meqjusa bħala importaturi tradizzjonali. Meta wieħed iqis il-varjetà ta' volumi importati minn dawn l-importaturi, instab li kien iktar ġust li jiżdied l-ammont tal-kwota ta' tariffa għal dawn l-importaturi milli jitnaqqas il-livell ta' l-ammont tal-volum.
- (130) Huwa meqjus illi, minkejja il-persentaġġ oġhli tal-prodott ikkonċernat importat minn importaturi tradizzjonali fl-istaġuni tal-bottiljar riċenti, sabiex is-suq jibqa' miftuħ, tinżamm il-kompetizzjoni u tkun provduta l-oportunità għal importaturi ta' kwantitajiet iżgħar biex jipparteċipaw fis-suq, 25 % tal-kwota ta' tariffa għal oġġetti li joriġinaw fil-PRC għandha tkun disponibbli lill-"importaturi oħra". Billi wieħed jalloka 75 % lill-importaturi tradizzjonali fil-miżuri definittivi, l-ammont inizjali ta' kull sena tal-kwota ta' tariffa li tkun disponibbli għalihom jinżamm għal 23 132 tunnellati metriċi. Din tkun qed iżżomm intatta il-posizzjoni ta' importaturi tradizzjonali filwaqt li tħalli persentaġġ iktar oġhli jkun allokati lill-importaturi li mhumiex tradizzjonali minn dak li kien allokati fil-miżuri provviżorji. Għalhekk, l-ammont allokati lil importaturi oħra għandu jkun miżjud għal 7 711-il tunnellata metrika (25 % tal-kwota ta' tariffa).
- (131) Liċenzi għal persentaġġ relevanti tal-kwota ta' tariffa allokati lil importaturi tradizzjonali għall-perjodu ikkonċernat għal importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-PRC għandhom isiru disponibbli lil importaturi tradizzjonali meta japplikaw għalihom u għandhom ikunu suġġettati għal kriterji oġġettivi Liċenzi għall-bqija tal-kwota ta' tariffa għal perjodu ikkonċernat għandhom ikunu disponibbli lil "importaturi oħra" meta japplikaw u għandhom ikunu suġġettati għal kriterji oħra. Tali kriterji huma meħtieġa biex jiġguraw li kull importatur tradizzjonali għandu l-oportunità li jżomm il-posizzjoni tiegħu intatta rigward importaturi tradizzjonali oħra, li ebda importatur waħdieni għandu l-kacià jikkontrolla s-suq u li kompetizzjoni bejn importaturi tinżamm intatta. F'dan is-sens, il-kriterja oġġettiva l-iktar xierqa għal importaturi tradizzjonali huwa il-kwantità massima (piż nett) tal-prodott ikkonċernat importat għal kull staġun tal-bottiljar fl-aħħar tliet staġuni tal-bottiljar (2000/01, 2001/02 u 2002/03 għal l-ewwel perjodu tal-miżuri definittivi (11 ta' April 2004 sa l-10 ta' April 2005). Il-kriterja oġġettiva l-iktar xierqa għal importaturi oħra hija limitu ta' 20 % tal-kwota ta' tariffa disponibbli għal importaturi oħra għal oġġetti ta' oriġini Ċiniża (*id est* 3 % tal-kwota ta' tariffa għal oġġetti ta' oriġini Ċiniża).
- (132) Dwar importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina f'pajjiżi oħra li mhumiex PRC, minħabba li importaturi tradizzjonali ma jimportawx kwantitajiet sostanzjali tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi oħra li mhumiex PRC, u minħabba li l-kwota ta' tariffa li għandha tkun stabbilita hija sostanzjament iktar oġhla minn importazzjonijiet fi staġuni ta' l-ibbotiljar ta' qabel, huwa meqjus li l-kwota ta' tariffa sħiħa għandha tkun disponibbli lill-importaturi kollha fuq l-istess bażi, u li (għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq) il-kriterja oġġettiva l-iktar xierqa biex ikunu limitati applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni hija limitu ta' 20 % tal-kwota ta' tariffa disponibbli għal oġġetti ta' dik l-oriġini.
- (133) L-eliġibilità ta' oġġetti importati minn pajjiżi li għandhom qegħdin jiżviluppaw biex ikunu esklużi mill-kwoti ta' tariffi jiddependi mill-oriġini ta' l-oġġetti. L-eliġibilità ta' oġġetti importati għal kwota ta' tariffa assenjata lil importazzjonijiet li joriġinaw mill-PRC, u għall-kwota ta' tariffa għal importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi l-oħra kollha, ukoll tiddependi mill-oriġini ta' l-oġġetti. Il-kriterja biex tiddetermina l-oriġini li qeda fis-seħħ bħalissa fil-Komunità għandha għalhekk tkun applikata, u sabiex ikun sġurat li l-kwoti ta' tariffi huma amministrati b'mod effiċenti, preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini fil-fruntiera tal-Komunità għandhom ikunu meħtieġa għal importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minbarra fejn l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat huma koperti b'xiehda ta' oriġini maħruġa jew magħmula skond ir-regoli relevanti stabbiliti sabiex jikkwalifikaw għal miżuri ta' tariffi preferenzjali.

## 11.3. TUL

- (134) Il-miżuri definittivi m'għandhomx idumu iktar minn erba' snin inkluż il-perjodu tal-miżuri provviżorji li ġew fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2003. Għalhekk għandhom jiskadu mhux iktar tard mit-8 ta' Novembru 2007,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Sistema ta' kwoti ta' tariffa**

1. Sistema ta' kwoti ta' tariffa hija hawnhekk miftuħa b'relazżjoni ma' importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti mandolin preparati jew priservati (jinkludu mandolin u satsumi), klementini, wilkings, ibridi taċ-ċitru simili, li m'għandhomx fihom spirtu miżjud, zokkor miżjud, li bħalissa jikklassifikaw fil-kodiċijiet NM 2008 30 55 u 2008 30 75 (hawnhekk iżjed 'il quddiem mandolin tal-bott). Il-volum ta' kull kwota ta' tariffa, u l-perjodu li japplikaw fih, huma speċifikati fl-Anness 1.

2. Ir-rata konvenzjonali ta' taxxa msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2658/87 <sup>(1)</sup>, jew kull rata ta' taxxa preferenzjali, għandhom ikompli japplikaw għal mandolin tal-bott importati taħt il-kwoti li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1.

3. Bla ħsara għall-Artikolu 9, importazzjonijiet ta' dawk il-mandolin tal-bott li jkunu saru mingħajr ma kienet preżentata liċenza bħal dik li għaliha saret referenza fl-Artikolu 3(1) li għandha x'taqsam mal-pajjiż minn liema joriġinaw dawk il-mandolin tal-bott għandhom ikunu suġġettati għal taxxa miżjuda ta' EUR301 għal kull tunnellata metrika.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) "staġun tal-bottiljar" tfisser a: perjodu ta' 12-il xahar minn l-1 ta' Ottubru f'sena waħda sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara;
- (b) "pajjiżi ta' adeżjoni" tfisser il-Latvja, il-Lituwanja, l-Estonja, il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, l-Islovenja, Malta u Ċipru;
- (ċ) "importatur" tfisser operator, persuna naturali jew ġuridika, individwu jew grupp li importaw fil-Komunità jew fil-pajjiżi ta' adeżjoni, f'wieħed jew iktar mill-aħħar tliet staġuni tal-bottiljar, ta' l-inqas 50 tunnellati metriċi għal kull staġun tal-bottiljar ta' frott u ħaxix ipproċessat li għalihom issir referenza fl-Artikolu 1(2) ta' Regolament (KE) Nru 2201/96, irrispettivament ta' l-orijini ta' dawk l-importazzjonijiet;
- (d) "importaturi tradizzjonali" tfisser importatur li importa medja ta' 500 tunnellata metrika jew iktar ta' mandolin tal-bott għal kull staġun tal-bottiljar fil-Komunità jew fil-pajjiżi ta' adeżjoni fl-aħħar tliet staġuni tal-bottiljar, irrispettivament mill-orijini ta' dawk l-importazzjonijiet;
- (e) "kwantità ta' referenza" tfisser il-kwantità massima ta' mandolin tal-bott importata għal kull staġun tal-bottiljar minn importatur tradizzjonali matul wieħed mill-aħħar tliet staġuni tal-bottiljar;
- (f) "importaturi oħra" tfisser importaturi li mhumiex importaturi tradizzjonali;
- (g) "orijini" tirreferi għall-pajjiż minn liema importazzjoni toriġina, li huma jew PRC jew pajjiż ieħor li mhuwiex PRC.

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat b'Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2344/2003 (ĠU L 346, tal-31.12.2003, p. 38).



### Artikolu 3

#### Sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni

1. L-importazzjonijiet kollha taħt il-kwoti li għalihom issir referenza fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu suġġettati għal preżentazzjoni ta' liċenza ta' importazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem il-liċenza) maħruġa skond Regolament (KE) Nru. 1291/2000, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
2. L-Artikolu 8(4) ta' Regolament (KE) Nru.1291/2000 m'għandux japplika għal-liċenzi. Box 19 of licences shall be marked "0".Kaxxa 19 ta' liċenzi għandha tkun immarkata "0".
3. Permezz ta' derogazzjoni mill-Artikolu 9 ta' Regolament (KE) Nru. 1291/2000, id-drittijiet li żdiedu mil-liċenzi m'għandhomx ikunu trasferibbli.
4. L-ammont tat-titolu ta' sigurtà li għaliha saret referenza fl-Artikolu 15(2) ta' Regolament (KE) Nru. 1291/2000 għandu jkun ta' EUR150 għal kull tunnellata metrika netta.

### Artikolu 4

#### Validità ta' liċenzi

1. Kaxxa 8 ta' applikazzjonijiet tal-liċenza u liċenzi għandhom jindikaw il-pajjiż ta' l-orijini tal-prodott. Il-kelma "iva" f'kaxxa 8 għandha tkun immarkata b'salib. Liċenzi għandhom ikunu validi biss għall-prodotti li joriġinaw fil-pajjiż indikat f'dik il-kaxxa.
2. Liċenzi għandhom ikunu validi biss għall-perjodu li għalih kienu maħruġa. Kaxxa 24 tiegħu għandu jkollha dħul li jindik il-perjodu ta' validità tal-liċenza (eż. "liċenza valida biss mill-11 ta' April 2004 sa l-10 ta' April 2005").

### Artikolu 5

#### Applikazzjonijiet ta' liċenza

1. Importaturi biss jistgħu jiddepożitaw applikazzjonijiet tal-liċenza.

Applikazzjonijiet għandhom ikunu depożitati ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Bħala sosteniment għall-applikazzjonijiet tagħhom, importaturi għandhom jipprovdu informazzjoni li tivverifika għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti konformità ma' l-Artikolu 2(c) u (d).

2. Applikazzjonijiet tal-liċenza għall-perjodu sa l-10 ta' April 2005 jistgħu jkunu depożitati matul il-perjodu 1 sas-7 ta' Mejju 2004. Applikazzjonijiet tal-liċenza għal kull perjodu iktar tard jistgħu jkunu depożitati minn l-1 sat-8 ta' Frar eżatt qabel il-bidu tal-perjodu relevanti fil-każijiet l-oħra.

3. Applikazzjonijiet tal-liċenza depożitati minn importaturi tradizzjonali għandhom ikopru kwantità mhux ikbar mill-kwantità ta' referenza għall-importaturi tradizzjonali ikkonċernati b'relazzjoni ma' importazzjonijiet ta' mandolin tal-bott li joriġinaw fil-PRC, u mhux iktar minn 20 % tal-kwota ta' tariffa speċifikata b'relazzjoni ma' importazzjonijiet ta' mandolin tal-bott li joriġinaw f'kull pajjiż ieħor.

4. Applikazzjonijiet tal-liċenzi depożitati minn importaturi oħra għandhom ikopru kwantità mhux ikbar minn 3 % tal-kwota ta' tariffa speċifikata fl-Anness 1 b'relazzjoni ma' importazzjonijiet ta' mandolin tal-bott li joriġinaw fil-PRC, u mhux iktar minn 20 % tal-kwota ta' tariffa speċifikata b'relazzjoni ma' importazzjonijiet ta' mandolin tal-bott li joriġinaw fil-pajjiżi l-oħra kollha.

5. Kaxxa 20 ta' applikazzjonijiet tal-liċenzi għandha tindika "importatur tradizzjonali" u "importatur ieħor" kif xieraq, u "talba taħt Regolament (KE) Nru. 658/2004".

### Artikolu 6

#### Allokazzjoni tal-kwoti ta' tariffa

1. Għal importazzjonijiet b'oriġini Ċiniża, il-kwota ta' tariffa imfissra fl-Artikolu 1(1) għal kull perjodu għandha tkun allokata hekk kif ġej:

- (a) 75 % lil importaturi tradizzjonali;
- (b) 25 % lil importaturi oħra.

Jekk f'xi perjodu l-kwantità allokata ma tkunx eżawsta kollha minn kategorija waħda ta' importaturi, il-bqija tista' tkun allokata lill-kategorija l-oħra.

2. Għal importazzjonijiet oħra li mhumiex ta' oriġini Ċiniża, il-kwota mfissra fl-Artikolu 1(1) għandha tkun disponibbli għal importaturi tradizzjonali u importaturi oħra.

### Artikolu 7

#### Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk applikazzjonijiet ta' liċenza ta' importazzjoni kienitx mogħtija u l-kwantitajiet kienux koperti bl-applikazzjonijiet tal-liċenza.

2. Għall-perjodu 11 ta' April 2004 sa l-10 ta' April 2005, l-informazzjoni li għaliha saret referenza fil-paragrafu 1 għandha tkun notifikata sa mhux iktar tard minn 12.00 (ħin ta' Brussel) fil-11 ta' Mejju 2004.

3. Għal kull perjodu sussegwenti, l-informazzjoni li għaliha saret referenza fil-paragrafu 1 għandha tkun notifikata sa mhux iktar tard minn 12.00 (ħin ta' Brussel) fl-10 ta' Frar eżatt qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti.

4. Il-komunikazzjoni li għaliha saret referenza fil-paragrafu 1 għandha tingħatalha effett b'mezz elettroniku fil-formula mibgħuta għal dak il-għan mill-Kummissjoni lill-Istat Membru. L-informazzjoni li tinsab fiha għandha tinqasam skond it-tip ta' importatur u l-oriġini fis-sens ta' l-Artikolu 2.

### Artikolu 8

#### Kwistjonijiet ta' liċenzi

1. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni notifikata mill-Istati Membri skond l-Artikolu 7, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' Regolament, għal kull oriġini u kull tip ta' importatur fis-sens ta' l-Artikolu 2, u billi tiegħu fil-konsiderazzjoni paragrafu 2, il-proporzjon f'liema l-liċenzi għandhom jinħarġu. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed sa mhux iktar tard mit-2 ta' Ġunju 2004 fil-kas tal-perjodu 11 ta' April 2004 sa l-10 ta' April 2005, u mhux iktar tard mill-15 ta' Marzu eżatt qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti fil-każijiet l-oħra kollha.

2. Fejn, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni notifikata mill-Istati Membri skond l-Artikolu 7, il-Kummissjoni ssib li applikazzjonijiet tal-liċenza huma iktar mill-kwantitajiet stabbiliti skond l-Artikoli 1 sa 6, hi għandha tistabbilixxi persentaġġ ta' tnaqqis wieħed biex ikun applikat lill-applikazzjonijiet tal-liċenza fil-kwistjoni.

3. Liċenzi għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fir-raba' jum tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ipprevedut fil-paragrafu 1.

4. Fejn, skond paragrafu 1, il-kwantità li għaliha liċenza tkun maħruġa hija inqas mill-kwantità mitluba, l-applikazzjoni tal-liċenza tista' tkun irtirata fi tliet ijiem tax-xogħol fid-dħul fis-seħħ tal-miżuri addotati skond dak il-paragrafu. Fl-eventwalità ta' tali irtirar, it-titolu ta' sigurtà għandha tkun rilaxxata immedjatament.

*Artikolu 9***Pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw**

Importazzjonijiet ta' mandolin tal-bott li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw speċifikati fl-Anness 2 m'għandhomx ikunu suġġettati għal, jew allokati fil-kwoti ta' tariffa.

*Artikolu 10***Disposizzjonijiet ġenerali**

1. L-orijini tal-mandolin tal-bott għal liema dan ir-Regolament japplika għandhom ikunu determinati skond id-disposizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità.
2. Bla ħsara għal paragrafu 3, kull rilaxx f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità ta' mandolin tal-bott li joriġinaw f'pajjiż terz għandu jkun suġġettat għal preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' orijini maħruġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' dak il-pajjiż li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 2454/93 <sup>(1)</sup>.
3. Iċ-ċertifikat ta' orijini li għalih issir referenza fil-paragrafu 2 m'għandux ikun meħtieġ għal importazzjonijiet ta' mandolin tal-bott koperti b'xiehda ta' orijini maħruġa jew magħmula skond ir-regoli rilevanti stabbiliti sabiex wieħed jikkwalifika għal miżuri ta' tariffi preferenzjali.
4. Xhieda ta' orijini għandha tkun aċċettata biss jekk il-mandolin tal-bott jissodisfaw il-kriterja li tiddetermina l-orijini stabbilita fid-disposizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità.

*Artikolu 11*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw mill-qrib biex jisguraw konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' April 2004 u għandu japplika sat-8 ta' Novembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Pascal LAMY

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠUL 253, 11.10.93, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠUL 343, 31.12.03, p. 1).

## ANNEX I

Perjodu	Kwota — PRC (tunnellati metriċi)	Kwota — il-pajjiżi l-oħra kollha (tunnellati metriċi)
tal-11.4.2004 sa ta' l-10.4.2005	30 843	2 314
tal-11.4.2005 sa ta' l-10.4.2006	32 385	2 430
tal-11.4.2006 sa ta' l-10.4.2007	34 004	2 551
tal-11.4.2007 sa tat-8.11.2007	20 738	1 556

## ANNEX II

Lista ta' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw – esklużi mill-miżuri minħabba li jesportaw inqas minn 3 % ta' importazzjonijiet lejn il-Komunità.

L-Għaqda tal-Emirati Għarab, Afghanistan, Antigua u Barbuda, Angola, l-Arġentina, il-Barbados, Bangladexx, Burkina Faso, Bahrain, Burundi, Benin, Brunei Darussalam, Bolivia, il-Brażil, Bahamas, Bhutan, il-Botswana, Belize, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, il-Kongo, il-Kosta ta' l-Avorju, iċ-Ċili, il-Kamerun, il-Kolumbia, il-Kosta Rika, Kuba, Cape Verde, Djibouti, Dominica, ir-Repubblika Dominikana, Alġerija, l-Ekwador, l-Eġittu, l-Eritrea, l-Etjopja, Fiji, l-Istati Federali ta' Micronesia, Gabon, Grenada, il-Gana, Gambia, Guinea, Guinea Ekwatorjali, il-Gwatemala, Guinea-Bissau, Guyana, il-Ħonduras, il-Ħaiti, Hong Kong, l-Indoneżja, l-Indja, l-Iraq, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'), il-Ġamajka, il-Ġordan, il-Kenya, il-Kambodja, Kiribati, Comoros, St Kitts u Nevis, il-Kuwajt, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' Lao, il-Lebanon, St Luċia, Sri Lanka, il-Liberja, Lesotho, Gamahiriya Għarbija Libjana, il-Marokk, il-Madagaskar, il-Gżejjer Marshall, il-Mali, Myanmar, Mongolia, il-Mawritanja, il-Mawrizju, il-Maldive, il-Malawi, il-Messiku, il-Malasia, il-Możambik, in-Namibia, Niġer, in-Nigeria, Nicaragua, Nepal, Nauru, Oman, Panama, Peru, Papua Guinea l-Ġdida, il-Filippini, il-Pakistan, Palau, Paraguay, Qatar, l-Irwanda, l-Arabia Saudita, il-Gżejjer Solomon, Seychelles, is-Sudan, is-Sierra Leone, is-Senegal, is-Somalia, Suriname, Sao Tomé u Príncipe, El Salvador, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, Swaziland, iċ-Chad, Togo, it-Tajlandja, it-Tuniżija, Tonga, Timor ta' Lvant, Trinidad u Tobago, Tuvalu, Tanzania (Repubblika Unita ta'), Taipei Ċiniżi, l-Uganda, l-Uruguaj, San Vincenz u l-Grenadini tan-Nort, il-Venezwela, Viet Nam, Vanuatu, Samoa, Jemen, Sud Africa, Zambia u Zimbabwe.

---